Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 6 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

9794/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0036 (NLE)

CYBER 157
IPCR 42
RELEX 706
JAI 738
JAIEX 54
POLMIL 138
HYBRID 63
TELECOM 178
COSI 108

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	6 ta' Ġunju 2025
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġestjoni ta' kriżijiet ċibernetiċi - Rakkomandazzjoni tal-Kunsill approvata mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu tas-6 ta' Ġunju 2025

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill approvata mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu tas-6 ta' Ġunju 2025.

ANNESS

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġestjoni ta' kriżijiet ċibernetiċi

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 u 292 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) It-teknoloġija diġitali u l-konnettività globali huma s-sinsla tat-tkabbir ekonomiku, il-kompetittività u t-trasformazzjoni tal-infrastruttura kritika tal-Unjoni. Madankollu, ekonomija interkonnessa u dejjem aktar diġitali żżid ukoll ir-riskju ta' inċidenti ta' ċibersigurtà u attakki ċibernetiċi. Barra minn hekk, iż-żieda fit-tensjonijiet ġeopolitiċi, il-kunflitti u r-rivalità strateġika huma riflessi fl-impatt, il-volum u s-sofistikazzjoni ta' attivitajiet ċibernetiċi malizzjuż. Tali attivitajiet jistgħu jiffurmaw parti minn kampanji ibridi jew operazzjonijiet militari. Dawn jistgħu jaffettwaw ukoll direttament is-sigurtà, l-ekonomija u s-soċjetà tal-Unjoni. Barra minn hekk, dawn għandhom potenzjal ta' konsegwenzi, b'mod partikolari meta dawn l-attivitajiet ikunu mmirati lejn pajjiżi sħab strateġiċi internazzjonali bħal pajjiżi kandidati jew ġirien.

(2) Inċident taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira jista' jikkawża livell ta' tfixkil li jaqbeż il-kapaċità ta' Stat Membru li jirreaġixxi għalih jew li jkollu impatt sinifikanti fuq aktar minn Stat Membru wieħed. Tali inċident, skont il-kawża u l-impatt tiegħu, jista' jeskala u jinbidel fi kriżi sħiħa, li taffettwa l-funzjonament tajjeb tas-suq intern jew li toħloq riskji serji għas-sigurtà u s-sikurezza pubblika għall-entitajiet jew għaċ-ċittadini f'diversi Stati Membri jew għall-Unjoni kollha kemm hi. Il-ġestjoni effettiva tal-kriżijiet hija essenzjali biex tinżamm l-istabbiltà ekonomika u jiġu protetti l-gvernijiet, l-infrastruttura kritika, in-negozji u ċ-ċittadini Ewropej, kif ukoll sabiex jingħata kontribut għas-sigurtà u l-istabbiltà internazzjonali fiċ-ċiberspazju. Il-ġestjoni tal-kriżijiet ċibernetiċi hija għaldaqstant parti integrali mill-qafas ġenerali tal-UE għall-ġestjoni tal-kriżijiet.

(3) Minħabba l-interdipendenzi u l-interkonnessjonijiet bejn l-ambjenti tal-ICT tal-entitajiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri, inċident f'entità tal-Unjoni jista' joħloq riskju għaċ-ċibersigurtà għall-Istati Membri u viċi versa. Il-kondiviżjoni tal-informazzjoni rilevanti u l-koordinazzjoni fir-rigward kemm tal-inċidenti taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira kif ukoll tal-inċidenti kbar, kif definit fl-Artikolu 3(8) tar-Regolament (UE, Euratom) 2023/2841, huma[1] kruċjali fil-kuntest tal-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġestjoni tal-kriżijiet ċibernetiċi ("Pjan ta' Azzjoni Ċibernetiku").

[1] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2023/2841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 li jistabbilixxi miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà fl-istituzzjonijiet, fil-korpi, fl-uffiċċji u fl-aġenziji tal-Unjoni, ĠU L, 2023/2841, 18.12.2023, p. 1-27.

(4) F'każ ta' kriżi li għaliha jkunu ġew attivati l-Arranġamenti Integrati tal-UE għal Rispons Politiku f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi ("IPCR") skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1993[2] ("arranġamenti tal-IPCR"), il-Pjan ta' Azzjoni Ċibernetiku jenħtieġ li jirrispetta bis-sħiħ l-arranġamenti tal-IPCR għall-koordinazzjoni u r-rispons. Il-koordinazzjoni politika u strateġika ser issir fl-IPCR. L-arranġamenti tal-IPCR huma l-għodda għall-koordinazzjoni u r-rispons orizzontali fil-livell politiku tal-Unjoni. Skont l-arranġamenti tal-IPCR, id-deċiżjoni li jiġi attivat jew diżattivat l-IPCR tittieħed mill-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Ir-rapporti dwar l-Għarfien u l-Analiżi Integrati tas-Sitwazzjoni ("ISAA") imħejjija mis-servizzi tal-Kummissjoni u mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna ("SEAE") jappoġġaw il-ħidma tal-IPCR kemm fil-modalità tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni tiegħu kif ukoll fil-modi ta' attivazzjoni sħiħa tiegħu.

(5) L-Istati Membri għandhom ir-responsabbiltà primarja fil-ġestjoni tal-inċidenti taċ-ċibersigurtà u tal-kriżijiet ċibernetiċi. Madankollu, in-natura transfruntiera u transsettorjali potenzjali tal-inċidenti taċ-ċibersigurtà tirrikjedi li l-Istati Membri u l-entitajiet rilevanti tal-Unjoni jikkooperaw fil-livell tekniku, operazzjonali u politiku biex jikkoordinaw b'mod effettiv madwar l-Unjoni. Il-ġestjoni taċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ ta' kriżijiet ċibernetiċi tinkludi l-preparatezza u l-għarfien kondiviż tas-sitwazzjoni biex jiġu antiċipati l-inċidenti taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira, il-kapaċitajiet ta' kxif meħtieġa sabiex jiġu identifikati l-għodod ta' rispons u rkupru meħtieġa biex jiġi mitigati u kkontrollati l-inċidenti taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira, kif ukoll il-kapaċitajiet ta' reazzjoni biex jiġu skoraġġuti u evitati inċidenti ulterjuri.

[2] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1993 tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar l-Arranġamenti Integrati tal-UE għal Rispons Politiku f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi, ĠU L 320, 17.12.2018, p. 28-34.

(6) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1584[3] dwar rispons koordinat għal inċidenti u kriżijiet taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira tistabbilixxi l-objettivi u l-modi ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-entitajiet tal-Unjoni fir-rispons għal inċidenti taċ-ċibersigurtà u kriżijiet ċibernetiċi fuq skala kbira. Hija mmappjat l-atturi rilevanti fil-livell tekniku, operazzjonali u politiku, u spjegat kif ġew integrati fil-mekkaniżmi eżistenti tal-ġestjoni tal-kriżijiet tal-Unjoni, bħall-arranġamenti tal-IPCR. Il-prinċipji ewlenin stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni (UE) 2017/1584 jibqgħu validi, jiġifieri, is-sussidjarjetà, il-komplementarjetà u l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni kif ukoll l-approċċ fuq tliet livelli (tekniku, operazzjonali u politiku). Ir-Rakkomandazzjoni attwali tibni fuq dawk il-prinċipji ewlenin u hija maħsuba biex tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni (UE) 2017/1584, li tistabbilixxi qafas ġdid tal-Unjoni għall-ġestjoni tal-kriżijiet taċ-ċibersigurtà.

(7) Xi definizzjonijiet użati f'din ir-Rakkomandazzjoni huma bbażati fuq definizzjonijiet u termini użati fid-Direttiva (UE) 2022/2555[4]. Madankollu, il-kamp ta' applikazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni huwa differenti mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2022/2555. Din ir-Rakkomandazzjoni tistabbilixxi l-qafas tal-Unjoni għall-ġestjoni tal-kriżijiet ċibernetiċi fil-kuntest tal-preparatezza ġenerali tal-UE għal inċidenti taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira u kriżijiet ċibernetiċi li jirriżultaw minn inċidenti bħal dawn - irrispettivament minn jekk is-settur jew l-entità hijiex affettwata. Sa fejn ikun fattibbli, id-definizzjonijiet huma bbażati fuq dawk fid-Direttiva (UE) 2022/2555.

---

[3] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1584 tat-13 ta' Settembru 2017 dwar Rispons Koordinat għal Inċidenti u Kriżijiet taċ-Ċibersigurtà fuq Skala Kbira, ĠU L 239, 19.9.2017, p. 36-58.

[4] Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (Direttiva NIS 2), ĠU L 333, 27.12.2022, p. 80-152.

(8) Huwa meħtieġ Pjan ta' Azzjoni aġġornat biex jipprovdi gwida ċara u aċċessibbli li tispjega x'inhu inċident taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira jew kriżi ċibernetika fil-livell tal-Unjoni, kif jiġi attivat il-qafas tal-ġestjoni tal-kriżijiet u x'inhuma r-rwoli tan-networks, tal-atturi u l-mekkaniżmi rilevanti fil-livell tal-Unjoni, u l-interazzjoni bejn dawn l-atturi u l-mekkaniżmi matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-kriżi ċibernetika. Il-Pjan ta' Azzjoni Ċibernetiku għandu l-għan li jappoġġa l-qafas usa' tar-relazzjonijiet ċivili-militari tal-UE fil-kuntest tal-ġestjoni ta' kriżijiet ċibernetiċi, inkluż fl-isfond tal-approfondiment tar-relazzjonijiet bejn l-UE u n-NATO, fejn possibbli inkluż permezz ta' mekkaniżmi ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni msaħħa inklużivi, reċiproċi u nondiskriminatorji fil-ġestjoni tal-kriżijiet ċibernetiċi.

(9) Il-ġestjoni transsettorjali tal-kriżijiet fil-livell tal-Unjoni jenħtieġ li tissaħħaħ biex tippermetti rispons integrat għall-kriżijiet, b'mod partikolari f'każijiet fejn inċidenti u kriżijiet taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira jikkawżaw konsegwenzi fiżiċi. Din ir-Rakkomandazzjoni tikkomplementa l-arranġamenti tal-IPCR u mekkaniżmi oħra tal-Unjoni għall-ġestjoni tal-kriżijiet, inkluż is-sistema ġenerali ta' twissija rapida tal-Kummissjoni ARGUS, il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili ("UCPM") appoġġat miċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza ("ERCC") stabbilit skont l-UCPM bid-Deċiżjoni 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili[5] ("Deċiżjoni tal-UCPM"), il-Mekkaniżmu ta' Rispons għall-Kriżijiet ("CRM") tas-SEAE, kif ukoll proċessi oħra, bħal dawk deskritti fis-Sett ta' Għodod taċ-Ċiberdiplomazija tal-UE[6], is-Sett ta' Għodod Ibridu[7] u fil-Protokoll rivedut tal-UE għall-ġlieda kontra t-theddid ibridu[8]. Tikkomplementa wkoll u jenħtieġ li tkun koerenti mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2024/4371 dwar pjan ta' azzjoni għall-koordinazzjoni ta' rispons fil-livell tal-Unjoni għat-tfixkil tal-infrastruttura kritika b'rilevanza transfruntiera sinifikanti[9] ("Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Infrastruttura Kritika") li jkopri r-reżiljenza fiżika mhux ċibernetika, u li għandu l-għan li jtejjeb il-koordinazzjoni tar-rispons fil-livell tal-Unjoni f'dan il-qasam.

---

5 Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili, ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924-947.

6 Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Qafas għal Rispons Diplomatiku Konġunt tal-UE għal Attivitajiet Ċibernetiċi Malizzjużi (9916/17)

7 Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Qafas għal reazzjoni koordinata tal-UE għal kampanji ibridi, 22 ta' Ġunju 2022

8 Id-Dokument ta' Ħidma Konġunt tal-Persunal - Protokoll tal-UE għall-ġlieda kontra t-theddid ibridu (SWD (2023) 116 final).

9 ĠU C, C/2024/4371, 5.7.2024

(10) In-network Ewropew ta' organizzazzjoni ta' kollegament f'każ ta' ċiberkriżijiet ("EU-CyCLONe") huwa n-network għall-koordinazzjoni tal-ġestjoni ta' inċidenti u kriżijiet taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira fil-livell operazzjonali anke f'każ ta' inċidenti taċ-ċibersigurtà u kriżijiet ċibernetiċi transsettorjali fuq skala kbira. Sabiex l-oqfsa eżistenti ma jiġux ikkumplikati aktar, jenħtieġ li jiġi evitat il-ħolqien ta' strutturi settorjali li jidduplikaw il-kompiti tal-EU-CyCLONe. L-EU-CyCLONe jenħtieġ li jirċievi wkoll informazzjoni operazzjonali relatata maċ-ċibersigurtà mis-setturi u jikkontribwixxi għal-livell politiku.

(11) L-Istati Membri huma mħeġġa jagħmlu użu sħiħ mir-riżorsi finanzjarji disponibbli għaċ-ċibersigurtà pprovduti mill-programmi rilevanti tal-Unjoni. Jenħtieġ li jiġi żgurat li dawn il-programmi jimponu piżijiet amministrattivi minimi fuq l-applikanti għall-finanzjament u l-parteċipazzjoni tal-Istati Membri f'dawn il-programmi tiġi ffaċilitata billi tiġi pprovduta gwida rilevanti dwar għażliet vijabbli ta' appoġġ finanzjarju.

(12) Din ir-Rakkomandazzjoni tikkontribwixxi għal azzjonijiet ta' tħejjija usa' meħtieġa għall-Unjoni fid-dawl ta' kriżijiet transsettorjali f'konformità mal-prinċipji inkorporati fl-Istrateġija tal-UE għal Unjoni tal-Preparatezza, jiġifieri approċċ integrat li jkopri l-perikli kollha, il-gvern kollu u s-soċjetà kollha, b'mod partikolari fir-rigward tat-titjib tas-sensibilizzazzjoni dwar ir-riskji u t-theddid u r-rispons transsettorjali għall-kriżijiet.

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

I: Għan, kamp ta' applikazzjoni, u prinċipji gwida tal-qafas tal-UE għall-ġestjoni tal-kriżijiet ċibernetiċi

Għan u kamp ta' applikazzjoni

(1) Din ir-Rakkomandazzjoni dwar pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġestjoni tal-kriżijiet ċibernetiċi ("Pjan ta' Azzjoni Ċibernetiku") tistabbilixxi l-qafas tal-Unjoni għall-ġestjoni tal-kriżijiet ċibernetiċi fil-kuntest tal-preparatezza ġenerali tal-UE għal inċidenti taċ-ċibersigurtà u kriżijiet ċibernetiċi fuq skala kbira. Il-qafas jirrifletti r-rwoli kemm tal-Istati Membri kif ukoll tal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni ("entitajiet tal-Unjoni") fi ħdan il-kompetenzi rispettivi tagħhom, b'rispett sħiħ għal-liġijiet nazzjonali u r-regoli interni, biex tiġi żgurata azzjoni komprensiva u kkoordinata fil-livell tal-Unjoni.

(2) Il-Pjan ta' Azzjoni Ċibernetiku għandu jiġi applikat b'koerenza mal-Pjan ta' Azzjoni għall-Infrastruttura Kritika, b'mod partikolari fil-każ ta' inċidenti li jaffettwaw kemm ir-reżiljenza fiżika kif ukoll iċ-ċibersigurtà tal-infrastruttura kritika[10].

(3) Il-Pjan ta' Azzjoni Ċibernetiku jipprovdi gwida għar-rispons għal inċidenti taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira jew kriżijiet ċibernetiċi, u jenħtieġ li jintuża b'mod komplementari ma' kwalunkwe mekkaniżmu ta' rispons settorjali rilevanti, bħal dawk elenkati fl-Anness II. Il-partijiet ikkonċernati rilevanti taċ-ċibersigurtà jenħtieġ li jgħinu u jassistu biex jintlaħqu l-għanijiet ta' dawk il-mekkaniżmi settorjali, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-Unjoni.

(4) F'każ ta' kriżi transsettorjali fl-UE kollha b'aspetti ċibernetiċi li għalihom jiġi attivat l-IPCR, il-koordinazzjoni tar-rispons fil-livell politiku tal-Unjoni jenħtieġ li titwettaq mill-Kunsill, bl-użu tal-arranġamenti tal-IPCR. Meta l-IPCR ikun ġie attivat, il-miżuri fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Ċibernetiku jenħtieġ li jappoġġaw ir-rispons tal-UE fil-livell politiku, filwaqt li jipprovdu appoġġ speċifiku dwar iċ-ċibersigurtà.

---

10 Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Infrastruttura Kritika jagħti aktar dettalji dwar il-koordinazzjoni f'tali każijiet fit-Taqsima 4 tal-Parti I tal-Anness tiegħu.

Il-prinċipji gwida

(5) Il-prinċipji gwida li ġejjin japplikaw għall-ġestjoni tal-kriżijiet ċibernetiċi fil-livell tal-Unjoni:

(a) *Proporzjonalità:* il-biċċa l-kbira tal-inċidenti taċ-ċibersigurtà li jaffettwaw lill-Istati Membri jaqgħu taħt dik li tista' titqies bħala kriżi nazzjonali jew inċident taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira jew kriżi ċibernetika fil-livell tal-Unjoni. F'każ ta' inċidenti u theddid taċ-ċibersigurtà, l-Istati Membri jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni, b'mod volontarju, fuq bażi regolari fin-network ta' skwadri ta' rispons għal inċidenti relatati mas-sigurtà tal-kompjuters ("network tas-CSIRTs") u EU-CyCLONe, f'konformità mal-Proċeduri Operattivi Standard ("SOPs") tan-networks.

(b) *Sussidjarjetà:* L-Istati Membri għandhom ir-responsabbiltà primarja għar-rispons u r-rimedju fil-każ ta' inċident ta' ċibersigurtà, inċident ta' ċibersigurtà fuq skala kbira, jew kriżi ċibrnetika li taffettwahom. Bil-ħsieb ta' effetti transfruntieri potenzjali, il-Kunsill, il-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà ("ENISA"), is-Servizz taċ-Ċibersigurtà għall-Istituzzjonijiet, il-Korpi, l-Uffiċċji u l-Aġenziji tal-Unjoni ("CERT-UE"), l-Europol u l-entitajiet rilevanti l-oħra kollha tal-Unjoni jenħtieġ li jikkooperaw matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-kriżi. Dan ir-rwol jirriżulta wkoll mid-dritt tal-Unjoni u jirrifletti kif l-inċidenti taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira u kriżijiet ċibernetiċi għandhom impatt fuq settur wieħed jew aktar tal-attività ekonomika fis-suq uniku, is-sigurtà u r-relazzjonijiet internazzjonali tal-Unjoni, kif ukoll l-entitajiet tal-Unjoni stess.

(c) *Komplementarjetà:* din ir-Rakkomandazzjoni tqis bis-sħiħ il-mekkaniżmi eżistenti għall-ġestjoni tal-kriżijiet fil-livell tal-Unjoni kif elenkati fl-Anness II, partikolarment l-arranġamenti tal-IPCR, ARGUS, u l-Mekkaniżmu ta' Rispons għall-Kriżijiet tas-SEAE. Din ir-Rakkomandazzjoni tqis il-mandati tan-network tas-CSIRTs u tal-EU-CyCLONe, kif ukoll tar-Regolament (UE, Euratom) 2023/2841. Meta jiġi attivat l-IPCR, il-ħidma tan-networks, tal-entitajiet u tal-mekkaniżmi settorjali attivati rilevanti jenħtieġ li tkompli u jenħtieġ li tikkontribwixxi għall-koordinazzjoni politika u strateġika li sseħħ fl-IPCR u tappoġġaha.

(d) *Kunfidenzjalità tal-informazzjoni*: l-iskambji kollha ta' informazzjoni fil-kuntest ta' din ir-Rakkomandazzjoni jenħtieġ li jikkonformaw mar-regoli applikabbli dwar is-sigurtà u dwar il-protezzjoni tad-data personali. Ftehimiet informali ta' nondivulgazzjoni, bħat-Traffic Light Protocol għat-tikkettar ta' informazzjoni sensittiva, jenħtieġ li jitqiesu meta jkun xieraq. Għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata, irrispettivament mill-iskema ta' klassifikazzjoni applikata, jenħtieġ li jintużaw regoli u ftehimiet vinkolanti eżistenti dwar l-ipproċessar ta' informazzjoni klassifikata flimkien mal-għodod akkreditati disponibbli.

(6) F'konformità mal-prinċipji gwida msemmija hawn fuq, l-Istati Membri u l-entitajiet tal-Unjoni għandhom japprofondixxu l-kooperazzjoni tagħhom dwar il-ġestjoni tal-kriżijiet ċibernetiċi, irawmu l-fiduċja reċiproka u jibnu fuq networks u mekkaniżmi eżistenti. Din il-kooperazzjoni, fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni Ċibernetiku, tibbenefika mill-implimentazzjoni tal-Artikoli 22 u 23 tar-Regolament (UE, Euratom) 2023/2841. B'mod partikolari l-pjan ta' ġestjoni tal-kriżijiet ċibernetiċi stabbilit abbażi tal-Artikolu 23 tar-Regolament (UE, Euratom) 2023/2841, fost affarijiet oħra, jikkontribwixxi għall-iskambju regolari ta' informazzjoni rilevanti fost l-entitajiet tal-Unjoni u mal-Istati Membri, u jiddefinixxi arranġamenti li jikkonċernaw il-koordinazzjoni u l-fluss ta' informazzjoni fost l-entitajiet tal-Unjoni.

II: Definizzjonijiet

(7) Għall-fini ta' dan il-Pjan ta' Azzjoni Ċibernetiku, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "inċident" tfisser avveniment li jikkomprommetti d-disponibbiltà, l-awtentiċità, l-integrità jew il-kunfidenzjalità ta' data maħżuna, trażmessa jew ipproċessata jew tas-servizzi offruti minn networks u sistemi tal-informazzjoni, jew aċċessibbli permezz tagħhom;

(b) "inċident sinifikanti" tfisser inċident li:

a. ikkawża jew kapaċi jikkawża tfixkil operazzjonali serju tas-servizzi jew telf finanzjarju għall-entità kkonċernata;

b. affettwa jew kapaċi jaffettwa lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi oħra billi jikkawża dannu materjali jew mhux materjali konsiderevoli;

(c) "inċident taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira" tfisser inċident li jikkawża livell ta' tfixkil li jaqbeż il-kapaċità ta' Stat Membru li jirrispondi għalih jew li jkollu impatt sinifikanti fuq mill-inqas żewġ Stati Membri;

(d) "kriżi ċibernetika" tfisser inċident taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira li jkun eskala fi kriżi sħiħa li ma tippermettix il-funzjonament tajjeb tas-suq intern jew li toħloq riskji serji għas-sigurtà u s-sikurezza pubblika għall-entitajiet u ċ-ċittadini f'għadd ta' Stati Membri jew fl-Unjoni kollha kemm hi.

III: Strutturi u Responsabbiltajiet Nazzjonali għall-Ġestjoni tal-Kriżijiet Ċibernetiċi

(8) L-Istati Membri għandhom ir-responsabbiltà primarja għar-rispons fil-każ ta' inċidenti jew kriżijiet taċ-ċibersigurtà jew ċibernetiċi fuq skala kbirali jolqtuhom. Kull Stat Membru, f'konformità mad-Direttiva (UE) 2022/2555, għandu awtorità waħda jew aktar għall-ġestjoni tal-kriżijiet ċibernetiċi , kif ukoll CSIRTs waħda jew aktar.

(9) Permezz tal-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2022/2555 u strumenti leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi oħra taċ-ċibersigurtà, l-Istati Membri kienu qed jallinjaw l-oqfsa taċ-ċibersigurtà tagħhom billi jistabbilixxu regoli minimi dwar il-funzjonament tal-qafas regolatorju koordinat, jistabbilixxu mekkaniżmi għal kooperazzjoni effettiva fost l-awtoritajiet responsabbli f'kull Stat Membru, u jipprovdu rimedji u miżuri ta' infurzar effettivi, li huma kruċjali għall-infurzar effettiv ta' dawk l-obbligi.

(10) F'konformità mal-Artikolu 9(4) tad-Direttiva (UE) 2022/2555, jenħtieġ li l-Istati Membri jadottaw pjanijiet nazzjonali ta' rispons għal inċidenti u kriżijiet taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira. Dawn il-pjanijiet jinkludu, fost l-oħrajn, miżuri nazzjonali ta' preparatezza, proċeduri ta' ġestjoni tal-kriżijiet ċibernetiċi u proċeduri u arranġamenti nazzjonali bejn l-awtoritajiet u l-korpi nazzjonali biex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni effettiva tagħhom fil-ġestjoni koordinata ta' inċidenti taċ-ċibersigurtà u kriżijiet ċibernetiċi fuq skala kbira u l-appoġġ għalihom fil-livell tal-Unjoni. Il-proċeduri għall-ġestjoni tal-kriżijiet ċibernetiċi jinkludu wkoll dispożizzjonijiet dwar l-integrazzjoni tagħhom fil-qafas ta' ġestjoni ġenerali tal-kriżijiet nazzjonali u l-kanali ta' skambju tal-informazzjoni.

(11) F'konformità mal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva (UE) 2022/2555, l-Istati Membri jenħtieġ jiżguraw koerenza mal-oqfsa eżistenti għall-ġestjoni tal-kriżijiet ġenerali nazzjonali. F'każ ta' attivazzjoni tal-IPCR, jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali għall-ġestjoni tal-kriżijiet, għall-fini li jinfurmaw lill-IPCR, jiġbru inputs mill-awtoritajiet għall-ġestjoni tal-kriżijiet ċibernetiċi u mill-mekkaniżmi nazzjonali għall-kriżijiet settorjali.

(12) F'konformità mal-Artikolu 9(5) tad-Direttiva (UE) 2022/2555, l-EU-CyCLONe, fuq talba ta' Stat Membru kkonċernat, jenħtieġ li jiskambja informazzjoni dwar il-partijiet rilevanti tal-pjanijiet nazzjonali ta' rispons għal inċidenti u kriżijiet taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira, b'mod partikolari dwar id-dispożizzjonijiet li jiżguraw parteċipazzjoni effettiva fil-ġestjoni koordinata ta' inċidenti taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira u kriżijiet ċibernetiċi fil-livell tal-Unjoni u appoġġ għaliha, sabiex jiġu skambjati l-aħjar prattiki u ssir riflessjoni jekk il-qafas ġenerali jaħdimx fil-prattika.

(13) L-EU-CyCLONe u l-Bord Interistituzzjonali taċ-Ċibersigurtà ("IICB") huma mistiedna jiskambjaw, fejn xieraq, dwar il-koerenza tal-pjan ta' ġestjoni tal-kriżijiet stabbilit mill-IICB f'konformità mal-Artikolu 23 tar-Regolament (UE, Euratom) 2023/2841 mal-pjanijiet nazzjonali ta' rispons għal inċidenti u kriżijiet taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira.

(14) L-EU-CyCLONe, bl-appoġġ tal-ENISA bħala s-segretarjat tiegħu, jenħtieġ li jżomm lista aġġornata tal-awtoritajiet nazzjonali għall-ġestjoni tal-kriżijiet ċibernetiċi bid-dettalji ta' kuntatt tal-uffiċjali u l-eżekuttivi tal-EU-CyCLONe, u jagħmilha disponibbli għall-membri tal-EU-CyCLONe.

IV: Networks u atturi ewlenin fl-Ekosistema tal-UE għall-Ġestjoni tal-Kriżijiet Ċibernetiċi

(15) In-network tas-CSIRTs huwa n-network tekniku ewlieni għall-iskambju ta' informazzjoni rilevanti dwar l-inċidenti, b'mod partikolari fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni, f'konformità mal-kompiti rilevanti deskritti fl-Artikolu15(3) tad-Direttiva (UE) 2022/2555. Jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-fiduċja u jippromwovi kooperazzjoni operazzjonali rapida u effettiva fost l-Istati Membri. Il-President tan-network tas-CSIRTs jista' jipparteċipa bħala osservatur fl-IICB.

(16) CERT-UE huwa s-servizz taċ-ċibersigurtà għall-entitajiet kollha tal-Unjoni. CERT-UE jaġixxi bħala ċ-ċentru ta' koordinazzjoni tal-iskambju tal-informazzjoni dwar iċ-ċibersigurtà u tar-rispons għall-inċidenti għall-entitajiet tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2023/2841. CERT-UE huwa membru tan-network tas-CSIRTs u jappoġġa lill-Kummissjoni fl-EU-CyCLONe. CERT-UE jopera fil-livell tekniku u huwa responsabbli għall-koordinazzjoni tal-ġestjoni ta' inċidenti kbar li jaffettwaw lill-entitajiet tal-Unjoni.

(17) L-EU-CyCLONe jaħdem bħala intermedjarju bejn il-livell tekniku u politiku, b'mod partikolari matul l-inċidenti taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira u l-kriżi ċibernetika. Jappoġġa l-ġestjoni kkoordinata tal-inċidenti u l-kriżijiet taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira fil-livell operazzjonali u jiżgura l-iskambju regolari ta' informazzjoni rilevanti bejn l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 16 tad-Direttiva (UE) 2022/2555. Il-President ta' EU-CyCLONe jista' jipparteċipa bħala osservatur fl-IICB.

(18) L-ENISA hija l-aġenzija tal-Unjoni li twettaq il-kompiti assenjati skont ir-Regolament (UE) 2019/881[11] bil-għan li jinkiseb livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni, inkluż billi tappoġġa b'mod attiv lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet, lill-korpi u lill-aġenziji tal-Unjoni. L-ENISA tipprovdi, fost l-oħrajn, is-segretarjat għan-network tas-CSIRTs u l-EU-CyCLONe, is-servizzi tal-għarfien tas-sitwazzjoni, u tassisti lill-Istati Membri billi torganizza regolarment eżerċizzji taċ-ċibersigurtà fil-livell tal-Unjoni. F'konformità mad-Direttiva (UE) 2022/2555 u r-Regolament (UE) 2024/2847[12], l-ENISA tirċievi informazzjoni dwar inċidenti transfruntieri sinifikanti u vulnerabbiltajiet sfruttati b'mod attiv u inċidenti li jaffettwaw il-prodotti diġitali.

(19) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ("il-Kunsill") huwa l-istituzzjoni b'funzjonijiet ta' tfassil ta' politika u ta' koordinazzjoni skont l-Artikolu 16 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u huwa inkarigat mill-IPCR li jikkonċerna l-koordinazzjoni u r-rispons fil-livell politiku tal-Unjoni. Il-Kunsill jopera permezz tal-konfigurazzjonijiet tal-Kunsill, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, u l-korpi preparatorji rilevanti tal-Kunsill, speċjalment il-Grupp ta' Ħidma Orizzontali għall-Kwistjonijiet ta' Ċiberspazju ("HWPCI"), kif ukoll, fejn rilevanti, l-arranġamenti tal-IPCR.

---

[11] Ir-Regolament (UE) 2019/881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-ENISA (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà) u dwar iċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 526/2013 (l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà), ĠU L 151, 7.6.2019, p. 15-69.

[12] Ir-Regolament (UE) 2024/2847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2024 dwar ir-rekwiżiti orizzontali taċ-ċibersigurtà għall-prodotti b'elementi diġitali u, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 168/2013 u (UE) 2019/1020 u d-Direttiva (UE) 2020/1828 (Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika), ĠU L, 2024/2847, 20.11.2024, p. 1-81.

(20) Il-Kummissjoni, bħala l-istituzzjoni li tippromwovi l-interess ġenerali tal-Unjoni u li tieħu inizjattivi xierqa għal dak l-għan kif ukoll li tiżgura l-applikazzjoni tat-Trattati u tal-miżuri adottati mill-istituzzjonijiet skont l-Artikolu 17 tat-TUE, hija responsabbli għal ċerta preparatezza ġenerali fil-livell tal-Unjoni u ċerti azzjonijiet ta' għarfien tas-sitwazzjoni, inkluż il-ġestjoni tal-ERCC u s-Sistema Komuni ta' Komunikazzjoni u Informazzjoni f'każ ta' Emerġenza ("CECIS"), f'konformità mad-Deċiżjoni tal-UCPM. Tiffaċilita l-koerenza u l-koordinazzjoni bejn l-azzjonijiet relatati ta' rispons għall-kriżijiet fil-livell operazzjonali tal-Unjoni. Tiġi kkonsultata dwar deċiżjonijiet biex jiġi attivat jew diżattivat l-IPCR. Is-servizzi tal-Kummissjoni flimkien mas-SEAE jħejju r-rapporti tal-ISAA. Hija membru tal-EU-CyCLONe f'każijiet fejn inċident potenzjali jew li jkun għaddej taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira jkollu jew x'aktarx ikollu impatt sinifikanti fuq is-servizzi u l-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2022/2555, u osservatur f'każijiet oħra. Hija l-punt ta' kuntatt fl-IICB għall-EU-CyCLONe. Hija osservatur fin-Network tas-CSIRTs.

(21) Ir-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (Rappreżentant Għoli), assistit mis-SEAE, imexxi l-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni ("PESK") tal-Unjoni, u jikkontribwixxi permezz tal-proposti tagħhom għall-iżvilupp ta' dik il-politika, inkluż il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni ("PSDK"). Din tinkludi strutturi u mekkaniżmi diplomatiċi, tal-intelligence u militari, b'mod partikolari l-Kapaċità Unika ta' Analiżi tal-Intelligence ("SIAC") bħala l-punt uniku ta' dħul għall-intelligence tal-Istati Membri, l-Istat Maġġur tal-UE ("EUMS") bħala s-sors ta' għarfien espert militari, is-Sett ta' Għodod taċ-Ċiberdiplomazija tal-UE, kif ukoll in-network tad-Delegazzjonijiet tal-UE, li jistgħu jikkontribwixxu għall-ġestjoni tal-kriżijiet minn dimensjoni esterna. Is-SEAE jħejji wkoll ir-rapporti tal-ISAA mal-Kummissjoni.

(22) L-Anness II jiddeskrivi r-rwoli u l-kompetenzi tal-atturi rilevanti fil-livell tal-Unjoni fir-rigward tal-ġestjoni tal-kriżijiet ċibernetiċi, inkluż in-networks u l-atturi ewlenin.

V: Tħejjija għal inċidenti taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira u kriżi ċibernetika

Xenarju tat-theddid

(23) L-Istati Membri u l-entitajiet rilevanti tal-Unjoni jenħtieġ li jieħdu l-miżuri neċessarji biex itejbu l-għarfien tas-sitwazzjoni, filwaqt li jirrikonoxxu li x-xenarju tat-theddid u l-għarfien tas-sitwazzjoni speċifiku għall-inċidenti jeħtieġu modi distinti ta' operazzjoni. L-Istati Membri u l-entitajiet rilevanti tal-Unjoni jenħtieġ li jaħdmu flimkien abbażi ta' data vverifikata u affidabbli, inkluż xejriet f'inċidenti, tattiċi, tekniki u proċeduri, u vulnerabbiltajiet sfruttati b'mod attiv.

(24) Jenħtieġ li l-Istati Membri, meta jikkondividu informazzjoni fil-livell tal-UE, jagħmlu użu sħiħ mill-pjattaformi eżistenti għall-kooperazzjoni teknika u operazzjonali, bħal dawk użati min-network tas-CSIRTs u mill-EU-CyCLONe.

(25) Sabiex jissaħħaħ l-għarfien komuni tas-sitwazzjoni u tiġi ffaċilitata l-valutazzjoni tal-impatt tal-UE, jenħtieġ li l-EU-CyCLONe u n-network tas-CSIRTs, bl-appoġġ tal-ENISA, jużaw mekkaniżmu ta' rapportar maqbul internament biex jipproduċu ħarsa ġenerali tal-UE tal-attivitajiet tekniċi u operazzjonali abbażi tal-informazzjoni miġbura fil-livell nazzjonali.

(26) Jenħtieġ li l-EU-CyCLONe u n-network tas-CSIRTs:

(a) jikkooperaw biex itejbu l-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn il-livell tekniku u operazzjonali u l-għarfien tas-sitwazzjoni b'mod ġenerali;

(b) ikomplu jibnu klima ta' fiduċja bejn il-membri tagħhom u bejn in-networks;

(c) jagħmlu użu sħiħ mill-għodod disponibbli għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni, bl-appoġġ tal-ENISA, jirriflettu dwar kif itejbu dawn l-għodod u jiżguraw l-interoperabbiltà bejn in-networks.

(27) Jenħtieġ li l-EU-CyCLONe, in-network tas-CSIRTs u l-IICB jikkooperaw biex jiżguraw skambju effettiv tal-informazzjoni rilevanti.

(28) L-ENISA, bħala s-segretarjat għan-network tas-CSIRTs u l-EU-CyCLONe, għandha rwol ċentrali biex jingħata appoġġ lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni biex dawn jiksbu għarfien komuni tas-sitwazzjoni tal-UE fil-livell tekniku u operazzjonali bl-għan li jappoġġaw it-tħejjija għal inċidenti u kriżijiet taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira.

(29) F'konformità mad-Direttiva (UE) 2022/2555 u r-Regolament (UE) 2019/881, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-entitajiet rilevanti tal-Unjoni jikkoordinaw mas-settur privat, inkluż mal-komunitajiet b'sors miftuħ u l-manifatturi, biex itejbu l-kondiviżjoni tal-informazzjoni. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-ENISA tuża l-programm ta' sħubija tagħha f'dan ir-rigward. Barra minn hekk, l-Istati Membri u l-entitajiet rilevanti tal-Unjoni jistgħu jibnu wkoll fuq il-ħidma taċ-Ċentri tal-Kondiviżjoni u tal-Analiżi tal-Informazzjoni ("ISACs") li jeżistu fil-livell tal-UE u dak nazzjonali, biex itejbu l-kapaċità taċ-ċibersigurtà u jirrispondu għal inċidenti taċ-ċibersigurtà, inkluż permezz ta' laqgħat konġunti tas-settur privat mal-EU-CyCLONe jew man-network tas-CSIRTs.

(30) Biex tissaħħaħ il-kondiviżjoni tal-informazzjoni fin-networks u bejniethom, u biex jiġu ċċarati l-aspettattivi reċiproċi għal tali kondiviżjoni, jenħtieġ li l-EU-CyCLONe, bl-appoġġ tal-ENISA bħala s-segretarjat u wara konsultazzjoni man-network tas-CSIRTs u mal-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS, fi żmien 24 xahar mill-adozzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni, jaqbel dwar tassonomija allinjata komuni tal-livelli ta' severità tal-inċidenti. Din it-tassonomija jenħtieġ li tippermetti tqabbil tas-severità tal-inċidenti fl-Istati Membri kollha billi tqis l-impatt fuq l-għoti tas-servizzi, l-għadd ta' entitajiet affettwati u r-rilevanza rispettiva tagħhom, l-impatt fuq servizzi u infrastruttura oħra, kif ukoll il-ħsara monetarja, reputazzjonali u politika kkawżata. Jenħtieġ li din tibni fuq skali jew tassonomiji eżistenti rilevanti, bħat-Tassonomija ta' Referenza għall-Klassifikazzjoni ta' Inċidenti .

Livell tekniku

(31) In-network tas-CSIRTs huwa l-pjattaforma għall-kooperazzjoni teknika u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn l-Istati Membri kollha u permezz tas-CERT-UE mal-entitajiet tal-Unjoni.

(32) F'konformità mad-Direttiva (UE) 2022/2555, kull CSIRT għandha l-kompitu li timmonitorja u tanalizza t-theddid, il-vulnerabbiltajiet u l-inċidenti ċibernetiċi fil-livell nazzjonali. Jenħtieġ li s-CSIRTs jiskambjaw, kemm fi ħdan in-network tas-CSIRTs kif ukoll bilateralment, informazzjoni rilevanti dwar inċidenti, kważi aċċidenti, theddid, riskji u vulnerabbiltajiet ċibernetiċi biex jinkiseb għarfien komuni tas-sitwazzjoni.

(33) Sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni operazzjonali fil-livell tal-Unjoni, jenħtieġ li n-network tas-CSIRTs jikkunsidra li jistieden lill-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni involuti fil-politika dwar iċ-ċibersigurtà, bħall-Europol, biex jieħdu sehem fil-ħidma tiegħu.

(34) F'konformità mar-Regolament 2023/2841, jenħtieġ li s-CERT-UE jiġbor, jiġġestixxi, janalizza u jikkondividi informazzjoni mal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni dwar theddid, vulnerabbiltajiet u inċidenti ċibernetiċi f'infrastruttura tal-ICT mhux klassifikata u, meta jkun meħtieġ, joħroġ proposti speċifiċi lill-IICB għal linji gwida u rakkomandazzjonijiet għall-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni. Jenħtieġ li s-CERT-UE jikkoopera u jiskambja informazzjoni mal-kontropartijiet tal-Istati Membri, inkluż permezz tan-network tas-CSIRTs.

Livell operazzjonali

(35) F'konformità mad-Direttiva (UE) 2022/2555, jenħtieġ li l-EU-CyCLONe jservi bħala pjattaforma għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-ġestjoni ta' kriżijiet ċibernetiċi tal-Istati Membri u permezz tal-Kummissjoni mal-entitajiet rilevanti tal-Unjoni, bl-objettiv li jiżdied il-livell ta'preparatezza tal-ġestjoni ta' inċidenti taċ-ċibersigurtà u kriżijiet ċibernetiċi fuq skala kbira u li jiġi żviluppat għarfien komuni tas-sitwazzjoni għal inċidenti taċ-ċibersigurtà u kriżijiet ċibernetiċi fuq skala kbira.

(36) F'konformità mad-Direttiva (UE) 2022/2555 u r-Regolament (UE) 2024/2847, l-ENISA tirċievi informazzjoni dwar inċidenti transfruntieri sinifikanti u vulnerabbiltajiet u inċidenti sfruttati b'mod attiv li jaffettwaw il-prodotti diġitali. Jenħtieġ li l-ENISA, li taġixxi bħala s-segretarjat, tagħti pariri lin-network tas-CSIRTs u lill-EU-CyCLONe bl-għan li tappoġġa lin-networks jiddeterminaw jekk jenħtieġx li jittieħdu aktar azzjonijiet u tikkontribwixxi għall-għarfien komuni tas-sitwazzjoni.

Livell politiku

(37) Jenħtieġ li l-Istati Membri u l-entitajiet rilevanti tal-Unjoni jimmonitorjaw l-iżviluppi internazzjonali li jaffettwaw iċ-ċibersigurtà (inkluż it-theddid ċibernetiku, it-theddid ibridu u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin ("FIMI") fosthom id-diżinformazzjoni fejn rilevanti). Jenħtieġ li jittieħed kont ta' inizjattivi bħar-Rapporti Konġunti dwar il-Valutazzjoni Ċibernetika ("JCAR"), l-analiżijiet ipprovduti mis-SIAC u prodotti rilevanti oħra li jipprovdu għarfien speċjalizzat.

(38) Jenħtieġ li r-Rappreżentant Għoli tkompli tinforma u tinvolvi lill-Istati Membri fl-isforzi diplomatiċi tal-Unjoni relatati mat-theddid ċibernetiku, speċjalment dawk li jinvolvu atturi statali, l-involviment tagħha ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali, inkluż in-NATO u l-implimentazzjoni ta' miżuri diplomatiċi, inkluż miżuri restrittivi.

(39) Il-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea tista' tibda paġna ta' monitoraġġ fuq il-pjattaforma web tal-IPCR fejn l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE jkunu jistgħu jiskambjaw informazzjoni dwar kriżi li possibbilment tkun qed tiżviluppa.

Eżerċizzji komuni

(40) Jenħtieġ li l-Kummissjoni, f'koordinazzjoni mar-Rappreżentant Għoli u bl-appoġġ tal-ENISA, u wara li tikkonsulta lill-EU-CyCLONe u n-network tas-CSIRTs, tikkompila programm kontinwu annwali effiċjenti ta' eżerċizzji ċibernetiċi biex tħejji għal kriżijiet ċibernetiċi u ttejjeb l-effiċjenza organizzazzjonali. Il-programm kontinwu ta' eżerċizzji ċibernetiċi jenħtieġ li jqis l-eżerċizzji tal-UCPM u eżerċizzji ta' mekkaniżmi oħra ta' rispons għal kriżi fil-livell tal-Unjoni, inkluż l-eżerċizzju deskritt fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Infrastruttura Kritika. L-ewwel programm kontinwu jenħtieġ li jiġi żviluppat fi żmien 12-il xahar wara l-adozzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Ċibernetiku, bi programmi sussegwenti li għandhom jitlestew sal-31 ta' Marzu ta' kull sena. Jenħtieġ li l-programm kontinwu jiġi ppreżentat lill-Kunsill għall-informazzjoni.

(41) Il-programm kontinwu jenħtieġ li jkopri wkoll eżerċizzji żviluppati bl-użu tax-xenarji ta' valutazzjonijiet tar-riskju koordinati tal-UE. Jenħtieġ li jkopri eżerċizzji li jinvolvu lill-atturi rilevanti kollha, b'mod partikolari s-settur privat u n-NATO.

(42) L-ENISA, fir-rwol tagħha ta' segretarjat tan-network tas-CSIRTs u l-EU-CyCLONe, jenħtieġ li tiżgura li tiġbor b'mod sistematiku t-tagħlimiet meħuda mill-eżerċizzji, kif ukoll li tidentifika l-azzjonijiet li jirriżultaw u tipproponi modi għall-implimentazzjoni tagħhom, biex tiggarantixxi l-eżekuzzjoni effettiva u l-impatt pożittiv tagħhom fuq ir-reżiljenza komuni tal-UE, inkluż l-SOPs rispettivi.

(43) Jenħtieġ li l-atturi u n-networks kollha jtejbu l-koordinazzjoni f'każ ta' inċident taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira jew kriżi ċibernetika abbażi tat-tagħlimiet meħuda mill-eżerċizzji. B'mod partikolari jenħtieġ li l-EU-CyCLONe u n-network tas-CSIRTs jindirizzaw l-isfidi identifikati matul l-eżerċizzji biex tittejjeb il-koordinazzjoni, speċjalment dawk li jikkonċernaw il-kooperazzjoni fost in-networks u, jekk ikun meħtieġ, jadattaw malajr l-SOPs.

(44) Il-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS jenħtieġ li jistieden lin-network tas-CSIRTs, lill-EU-CyCLONe u lill-ENISA jippreżentaw it-tagħlimiet meħuda mill-eżerċizzji, kif ukoll l-identifikazzjoni u l-proposta ta' modi għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet li jirriżultaw.

(45) Il-Kunsill jista' jistieden lill-presidenti tan-network tas-CSIRTs, l-EU-CyCLONe, il-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS u l-ENISA, jippreżentaw kif ġew implimentati t-tagħlimiet meħuda mill-eżerċizzji.

(46) L-ENISA, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli, hija mistiedna torganizza eżerċizzju biex tittestja l-Pjan ta' Azzjoni Ċibernetiku matul l-eżerċizzju li jmiss ta' Cyber Europe. Jenħtieġ li l-eżerċizzju jinvolvi lill-atturi rilevanti kollha, inkluż il-livell politiku. L-ENISA hija mistiedna tikkoordina mal-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea l-involviment tal-livell politiku. L-eżerċizzju jista' jinkludi wkoll lis-settur privat u lin-NATO.

VI: Identifikazzjoni ta' inċident li jista' jeskala għal inċident taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira jew kriżi ċibernetika

(47) F'konformità mal-mandati rispettivi tagħhom u abbażi tal-approċċ li jkopri l-perikli kollha, jenħtieġ li l-atturi kollha jikkontribwixxu informazzjoni li tindika inċident taċ-ċibersigurtà jew kriżi ċibernetika potenzjali fuq skala kbira għan-networks rilevanti.

(48) F'konformità mar-Regolament (KE) 2025/38[13], jenħtieġ li ċ-Ċentri Ċibernetiċi Transfruntieri, meta jiksbu informazzjoni relatata ma' inċident potenzjali jew attwali taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira, jiżguraw, għall-finijiet tal-għarfien komuni tas-sitwazzjoni, li l-informazzjoni rilevanti tingħata lill-awtoritajiet tal-Istati Membri u lill-Kummissjoni permezz tal-EU-CyCLONe u n-network tas-CSIRTs mingħajr dewmien żejjed.

[13] Ir-Regolament (UE) 2025/38 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2024 li jistabbilixxi miżuri li jsaħħu s-solidarjetà u l-kapaċitajiet fl-Unjoni tal-identifikazzjoni, tat-tħejjija u tar-rispons għat-theddid u l-inċidenti ċibernetiċi u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/694 (Att dwar iċ-Ċibersolidarjetà) ĠU L, 2025/38, 15.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/38/oj.

(49) Meta jiġi osservat inċident sinifikanti, b'mod partikolari li jikkawża impatt immedjat, dan jista' jiġi nnotifikat lil CSIRT jew identifikat minnha, kif ukoll mill-awtoritajiet tal-ġestjoni ta' kriżijiet ċibernetiċi tal-Istati Membri jew minn awtoritajiet settorjali oħra. L-Istati Membri huma mħeġġa jikkondividu informazzjoni relatata ma' tali inċident fin-networks, li jenħtieġ li jikkunsidraw li jieħdu azzjonijiet xierqa. L-attivazzjoni tan-network tas-CSIRTs u l-attivazzjoni tal-EU-CyCLONe jistgħu jkunu indipendenti minn xulxin skont in-natura tal-inċident u r-rispons meħtieġ. Madankollu, iż-żewġ networks huma mħeġġa jkomplu l-kooperazzjoni ma' xulxin abbażi ta' arranġamenti proċedurali miftiehma. Id-deċiżjoni ta' attivazzjoni tittieħed biss minn kull network rispettiv b'mod indipendenti mill-ieħor.

(50) Jenħtieġ li n-network tas-CSIRTs jagħti pariri lill-EU-CyCLONe dwar jekk inċident taċ-ċibersigurtà osservat jistax jitqies bħala inċident taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira potenzjali jew attwali.

(51) Kif indikat fid-Direttiva (UE) 2022/2555, jenħtieġ li n-network tas-CSIRTs u l-EU-CyCLONe jistabbilixxu mingħajr dewmien arranġamenti proċedurali fil-każ ta' inċident potenzjali jew attwali taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira, biex jiżguraw koordinazzjoni teknika u operazzjonali u informazzjoni rilevanti f'waqtha għal-livell politiku.

VII: Rispons għal inċident taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira jew kriżi ċibernetika fil-livell tal-Unjoni

Rispons għal inċident taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira jew kriżi ċibernetika li għalihom l-IPCR ma jiġix attivat f'modalità sħiħa

(52) Ir-rispons effettiv għal inċidenti taċ-ċibersigurtà jew kriżijiet ċibernetiċi fuq skala kbira fil-livell tal-UE jiddependi minn kooperazzjoni teknika, operazzjonali u politika effettiva f'approċċ ta' gvern sħiħ, li jinkludi fejn possibbli l-infurzar tal-liġi.

(53) F'kull livell, jenħtieġ li l-atturi involuti jwettqu attivitajiet speċifiċi biex jiksbu għarfien komuni tas-sitwazzjoni u rispons koordinat. Jenħtieġ li t-tali miżuri jiżguraw it-tixrid ordnat u effettiv tal-informazzjoni.

(54) Ir-rispons jenħtieġ li jkun adegwat għall-impatt tal-inċident taċ-ċibersigurtà jew tal-kriżi ċibernetika fuq skala kbira. F'konformità mad-Direttiva (UE) 2022/2555, jenħtieġ li l-awtoritajiet tal-ġestjoni ta' kriżijiet ċibernetiċi tal-Istati Membri jiżguraw koerenza u koordinazzjoni nazzjonali bejn ir-risponsi settorjali għall-kriżi ċibernetika.

(55) Fil-każ ta' inċident taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira jew kriżi ċibernetika, jenħtieġ li l-atturi u n-networks kollha jirrispondu f'koordinazzjoni mill-qrib kif ġej:

(a) fil-livell tekniku:

i. L-Istati Membri affettwati u s-CSIRTs tagħhom jenħtieġ li jikkooperaw mal-entitajiet affettwati biex jirrispondu għall-inċidenti u jipprovdu assistenza, fejn applikabbli;

ii. Jenħtieġ li s-CSIRTs jikkooperaw permezz tan-network tas-CSIRTs biex jikkondividu informazzjoni teknika rilevanti dwar l-inċident; is-CSIRTs jikkooperaw fl-isforzi tagħhom biex janalizzaw l-artefatti tekniċi disponibbli u informazzjoni teknika oħra relatata mal-inċident bil-ħsieb li jiddeterminaw il-kawża u l-miżuri tekniċi ta' mitigazzjoni possibbli;

iii. Meta CSIRT jew awtorità tal-ġestjoni ta' kriżijiet ċibernetiċi ta' Stat Membru ssir taf b'inċident sinifikanti, hija mħeġġa tikkondividi dan fi ħdan in-network tas-CSIRTs jew l-EU-CyCLONe.

iv. Jenħtieġ li n-network tas-CSIRTs, bl-appoġġ tal-ENISA, iħejji aggregazzjoni tar-rapporti nazzjonali provduti mis-CSIRTs, li jenħtieġ li jiġu ppreżentati lill-EU-CyCLONe;

v. Meta inċident taċ-ċibersigurtà jkollu l-potenzjal li jeskala għal inċident taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira jew kriżi ċibernetika, in-network tas-CSIRTs jenħtieġ li jikkondividi l-informazzjoni xierqa mal-EU-CyCLONe. Jenħtieġ li l-EU-CyCLONe juża din l-informazzjoni biex jinforma lill-Kunsill;

vi. In-network tas-CSIRTs jenħtieġ li jkun f'kuntatt mill-qrib mal-Europol biex jiġi żgurat l-iskambju ta' informazzjoni teknika rilevanti. In-network tas-CSIRTs u l-Europol jenħtieġ li jistabbilixxu punti ta' kuntatt biex itejbu l-kondiviżjoni tal-informazzjoni meta rilevanti f'każ ta' inċident taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira;

(b) fil-livell operazzjonali:

i. Jenħtieġ li l-Istati Membri jtaffu l-impatt tal-inċident fil-livell nazzjonali bl-użu ta' miżuri xierqa;

ii. In-network tas-CSIRTs jenħtieġ li jipprovdi lill-EU-CyCLONe valutazzjonijiet tekniċi tal-inċidenti li jkunu għaddejjin, li jistgħu jintużaw mill-EU-CyCLONe;

iii. L-EU-CyCLONe jenħtieġ li jivvaluta l-konsegwenzi u l-impatt tal-inċidenti taċ-ċibersigurtà u tal-kriżijiet ċibernetiċi rilevanti fuq skala kbira u jipproponi miżuri ta' mitigazzjoni possibbli, u jappoġġa l-ġestjoni koordinata ta' inċidenti taċ-ċibersigurtà u kriżijiet ċibernetiċi fuq skala kbira, kif ukoll jappoġġa t-teħid ta' deċiżjonijiet fil-livell politiku;

iv. Jekk inċident taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira b'impatt transsettorjali jirrikjedi l-attivazzjoni ta' azzjonijiet ta' rispons fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari tal-mekkaniżmi orizzontali u settorjali rilevanti tal-ġestjoni ta' kriżijiet fil-livell tal-Unjoni elenkati fl-Anness II,

(a) l-atturi xierqa jistgħu, skont it-tip ta' mekkaniżmi settorjali għall-ġestjoni ta' kriżijiet fil-livell tal-Unjoni, jitolbu l-attivazzjoni tal-mekkaniżmu msemmi;

(b) fil-każ tal-attivazzjoni ta' tali mekkaniżmu settorjali, l-entitajiet rilevanti jappoġġaw lill-entitajiet settorjali fil-mitigazzjoni tal-impatt tal-inċident;

(c) jenħtieġ li l-Kummissjoni tiffaċilita l-fluss tal-informazzjoni meħtieġa bejn il-punti ta' kuntatt għall-mekkaniżmi ta' kriżi rilevanti fil-livell orizzontali u settorjali tal-Unjoni elenkati fl-Anness II u l-EU-CyCLONe, u jenħtieġ li ssegwi analiżi transsettorjali integrata u tipproponi għażliet għal pjan ta' rispons integrat xieraq;

(d) jenħtieġ li l-Kummissjoni, permezz tal-EU-CyCLONe u, fejn rilevanti, f'kooperazzjoni mar-Rappreżentant Għoli, tiżgura l-koerenza u l-koordinazzjoni tal-miżuri operazzjonali fil-livell tal-UE fil-qasam ċibernetiku ma' azzjonijiet ta' rispons relatati fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tat-talbiet għal assistenza permezz tal-UCPM;

(e) jekk tkun inbdiet paġna ta' monitoraġġ tal-IPCR dwar l-inċident, jenħtieġ li l-impatti u l-miżuri meħuda jiġu kondiviżi wkoll fost l-Istati Membri u l-entitajiet tal-Unjoni permezz tal-pjattaforma web tal-IPCR;

v. L-Istati Membri jistgħu jitolbu servizzi mir-Riżerva tal-UE għaċ-Ċibersigurtà f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2025/38. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe att ta' implimentazzjoni futur skont dak ir-Regolament, is-servizzi tar-Riżerva tal-UE għaċ-Ċibersigurtà jenħtieġ li jiġu varati fi żmien 24 siegħa mit-talba.

(c) fil-livell politiku:

i. Il-Kunsill jista' jitlob informazzjoni mill-partijiet ikkonċernati ewlenin b'mod partikolari l-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli u l-EU-CyCLONe sabiex jipprovdi rispons politiku u strateġiku xieraq;

ii. Il-Kunsill appoġġat mill-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli, jista' jiddeċiedi dwar il-miżuri xierqa b'rispons għall-inċident taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira, inkluż ir-rispons diplomatiku possibbli f'konformità mal-Kapitolu IX;

iii. L-Istati Membri jistgħu jattivaw mekkaniżmi jew strumenti addizzjonali għall-ġestjoni ta' kriżijiet ċibernetiċi skont in-natura u l-impatt tal-inċident;

iv. Meta l-IPCR jiġi attivat fil-modalità tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni, tiġi skattata l-kapaċità ta' appoġġ tal-ISAA, u b'hekk jiżdiedu l-iskambji ta' informazzjoni permezz tal-pjattaforma web tal-IPCR u tiġi żgurata ħarsa ġenerali komuni tas-sitwazzjoni. Ir-rapporti tas-sitwazzjoni mill-EU-CyCLONe u n-network tas-CSIRTs jenħtieġ li jibqgħu l-istrumenti ewlenin li jippreżentaw l-għarfien komuni tas-sitwazzjoni fil-livelli operazzjonali u tekniċi rispettivament. Dawn ir-rapporti jistgħu jipprovdu informazzjoni għar-rapporti tal-ISAA;

v. F'każ ta' inċident li jirrikjedi l-attivazzjoni ta' azzjonijiet ta' rispons fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari l-mekkaniżmi orizzontali u settorjali rilevanti għall-ġestjoni ta' kriżijiet fil-livell tal-Unjoni elenkati fl-Anness II, jenħtieġ li l-Kunsill, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli, jiżgura koerenza u koordinazzjoni bejn ir-risponsi għall-kriżi ċibernetika u l-azzjonijiet ta' rispons relatati fil-livell tal-Unjoni;

vi. Meta jintalbu mekkaniżmi rilevanti, b'mod partikolari s-servizzi tar-Riżerva għaċ-Ċibersigurtà, jenħtieġ li s-servizzi tal-Kummissjoni u, fejn xieraq, is-SEAE, kif ukoll il-korpi rilevanti tal-Kunsill, b'mod partikolari l-HWPCI u l-Grupp ta' Ħidma Orizzontali dwar it-Tisħiħ tar-Reżiljenza u l-Ġlieda Kontra t-Theddid Ibridu ("HWP-ERCHT"), kif xieraq, jikkoordinaw fir-rigward tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-miżuri, kif ukoll il-proċess xieraq tat-teħid ta' deċiżjonijiet għall-miżuri addizzjonali, f'konformità mas-Sett ta' Għodod kontra Theddid Ibridu[14] fil-każ ta' attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi li huma parti minn kampanja ibrida usa'.

Rispons għal inċident taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira jew kriżi ċibernetika li għalihom l-IPCR jiġi attivat f'modalità ta' attivazzjoni sħiħa

(56) Jenħtieġ li jiġu implimentati l-passi elenkati fit-taqsima "*Rispons għal inċident taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira jew kriżi ċibernetika li għalihom l-IPCR ma jiġix attivat f'modalità sħiħa"* ta' hawn fuq.

(57) Meta l-IPCR jiġi attivat f'modalità ta' attivazzjoni sħiħa, ir-rapporti tal-ISAA jservu biex jiżguraw għarfien komuni tas-sitwazzjoni fil-livell politiku. Ir-rapporti tas-sitwazzjoni mill-EU-CyCLONe u n-network tas-CSIRTs jenħtieġ li jibqgħu l-istrumenti ewlenin li jippreżentaw l-għarfien komuni tas-sitwazzjoni fil-livell operazzjonali u tekniku rispettivament. Dawn ir-rapporti jistgħu jipprovdu informazzjoni għar-rapporti tal-ISAA.

(58) Fil-każ ta' inċident taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira jew kriżi ċibernetika li tirriżulta fl-attivazzjoni tal-IPCR f'modalità ta' attivazzjoni sħiħa, jenħtieġ li l-atturi kollha jirrispondu f'koordinazzjoni mill-qrib f'approċċ ta' gvern sħiħ kif ġej:

(a) il-koordinazzjoni tar-rispons fil-livell politiku tal-Unjoni jenħtieġ li titwettaq mill-Kunsill, bl-użu tal-arranġamenti tal-IPCR;

---

14 Is-Sett ta' Għodod kontra Theddid Ibridu huwa qafas għal rispons koordinat għal kampanji ibridi li jaffettwaw lill-UE u lill-Istati Membri tagħha, li jinkludi pereżempju miżuri preventivi, kooperattivi, ta' stabbiltà, restrittivi u ta' rkupru u appoġġ għas-solidarjetà u l-assistenza reċiproka.

(b) jenħtieġ li l-EU-CyCLONe, f'kooperazzjoni man-network tas-CSIRTs, jipprovdi informazzjoni ċara lil-livell politiku dwar l-impatt, il-konsegwenzi u l-miżuri ta' rispons u rimedju possibbli tal-inċident, inkluż billi jikkontribwixxi għar-rapporti tal-ISAA;

(c) minbarra l-kapaċità tal-ISAA, il-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea tagħmel diskussjonijiet madwar mejda tal-IPCR biex tippermetti koordinazzjoni politika u strateġika tar-rispons tal-UE, b'azzjonijiet fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni Ċibernetiku u l-ħidma ta' mekkaniżmi settorjali rilevanti li jikkontribwixxu għall-ħidma tal-IPCR. Barra minn hekk, id-diskussjonijiet madwar mejda jistgħu jidentifikaw xi lakuni speċifiċi fir-rispons u jistiednu atturi speċifiċi tal-UE jindirizzawhom u jirrapportaw lura f'diskussjonijiet madwar mejda futuri, biex jappoġġaw il-koordinazzjoni politika u strateġika fl-IPCR;

(d) jenħtieġ li l-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea tikkunsidra li tistieden lill-EU-CyCLONe għal-laqgħat rilevanti, inkluż id-diskussjonijiet madwar mejda skont l-arranġamenti tal-IPCR u laqgħat rilevanti oħra tal-Kunsill;

(e) l-awtoritajiet tal-ġestjoni ta' kriżijiet tal-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw koerenza u koordinazzjoni bejn ir-risponsi settorjali għall-kriżi ċibernetika appoġġati mill-awtoritajiet tal-ġestjoni ta' kriżijiet ċibernetiċi;

(f) ir-risponsi diplomatiċi possibbli jenħtieġ li jiġu kkunsidrati u mwettqa f'konformità mal-Kapitolu IX.

VIII: Sforzi ta' komunikazzjoni pubblika

(59) Filwaqt li l-komunikazzjoni lill-popolazzjoni ta' Stat Membru individwali dwar inċident taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira jew kriżi ċibernetika li tkun għaddejja, inkluż bħala parti mill-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni hija kompetenza nazzjonali, jenħtieġ li l-Istati Membri, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli jagħmlu l-almu tagħhom biex jikkoordinaw il-komunikazzjoni pubblika tagħhom sa fejn ikun possibbli. In-network informali tal-IPCR ta' komunikaturi f'każ ta' kriżi jista' jkun involut, kif xieraq.

(60) Għall-finijiet tat-tħejjija għal inċidenti taċ-ċibersigurtà u kriżijiet ċibernetiċi fuq skala kbira, l-Istati Membri u, kif xieraq, il-Kummissjoni u s-CERT-UE, huma mistiedna jiskambjaw l-isforzi ta' komunikazzjoni tagħhom fi ħdan l-EU-CyCLONe u n-network tas-CSIRTs, inkluż l-aħjar prattiki, fosthom dwar konsulenti jew kampanji ta' sensibilizzazzjoni. Jenħtieġ li l-ENISA tipprovdi għodod li jappoġġaw tali skambju u jiżguraw aċċess faċli.

(61) F'każ ta' inċident taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira jew kriżi ċibernetika, l-Istati Membri huma mistiedna jikkondividu fi ħdan l-EU-CyCLONe informazzjoni dwar l-isforzi ta' komunikazzjoni pubblika tagħhom biex jibnu sensibilizzazzjoni komuni u jikkoordinaw l-azzjonijiet. L-EU-CyCLONe, fuq inizjattiva tiegħu stess jew fuq talba mill-Kunsill, jista' jikkondividi mal-Kunsill ħarsa ġenerali ta' tali approċċi.

IX: Rispons diplomatiku u kooperazzjoni ma' sħab strateġiċi

(62) Jenħtieġ li r-Rappreżentant Għoli, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u ma' entitajiet rilevanti oħra tal-Unjoni:

(a) tappoġġa t-teħid ta' deċiżjonijiet fil-Kunsill, inkluż permezz ta' analiżijiet, rapporti u proposti, dwar l-użu ta' miżuri possibbli bħala parti mis-Sett ta' Għodod taċ-Ċiberdiplomazija tal-UE. Dan ser jippermetti l-użu tal-ispettru sħiħ tal-għodod tal-Unjoni disponibbli għall-prevenzjoni, l-iskoraġġiment u r-rispons għal attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi, it-tisħiħ tal-pożizzjoni ċibernetika tagħha u l-promozzjoni tal-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà internazzjonali fiċ-ċiberspazju;

(b) meta jiġi identifikat inċident rilevanti, tiffaċilita l-fluss tal-informazzjoni meħtieġa mas-sħab strateġiċi, inkluż man-NATO meta jkun rilevanti;

(c) issaħħaħ il-koordinazzjoni mas-sħab strateġiċi, inkluż man-NATO meta jkun rilevanti, dwar ir-rispons għal attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi sostnuti minn atturi ta' theddid persistenti, b'mod partikolari meta jintuża s-Sett ta' Għodod taċ-Ċiberdiplomazija tal-UE, f'konformità mal-linji gwida ta' implimentazzjoni.

(63) Jenħtieġ li l-Istati Membri, ir-Rappreżentant Għoli, il-Kummissjoni u entitajiet rilevanti oħra tal-Unjoni jikkollaboraw ma' sħab strateġiċi u organizzazzjonijiet internazzjonali biex jippromwovu prattiki tajbin u mġiba responsabbli tal-istat fiċ-ċiberspazju u jiżguraw rispons rapidu u koordinat f'każ ta' inċidenti ċibernetiċi potenzjali jew fuq skala kbira.

(64) Il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u n-NATO jenħtieġ li titwettaq f'konformità mal-prinċipji gwida maqbula dwar l-inklużività, ir-reċiproċità u t-trasparenza, u b'rispett sħiħ tal-awtonomija tal-Unjoni fit-teħid ta' deċiżjonijiet.

(65) Jenħtieġ li l-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli, filwaqt li jqisu l-ftehimiet eżistenti bħall-ftehim tekniku tas-CERT-UE/NATO tal-2016, jistabbilixxu punti ta' kuntatt għall-koordinazzjoni man-NATO f'każ ta' kriżi ċibernetika għall-iskambju tal-informazzjoni meħtieġa dwar is-sitwazzjoni u l-użu ta' mekkaniżmi ta' rispons għall-kriżijiet biex tiżdied il-kooperazzjoni dwar ir-rispons u l-effettività tiegħu. Għal dan l-għan, jenħtieġ li l-Unjoni tesplora modi kif ittejjeb il-kondiviżjoni tal-informazzjoni man-NATO, b'mod inklużiv, reċiproku u nondiskriminatorju, b'mod partikolari billi tiżgura għodod għal komunikazzjoni sigura filwaqt li tqis l-istandards tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni ta' Stati Membri differenti.

(66) Bħala parti mill-programm kontinwu ta' eżerċizzji ċibernetiċi tal-Unjoni msemmi fil-Kapitolu V hawn fuq, jenħtieġ li s-servizzi tal-Kummissjoni u s-SEAE jikkunsidraw li jorganizzaw eżerċizzju fil-livell tal-persunal man-NATO, sabiex jittestjaw il-kooperazzjoni bejn l-entitajiet ċivili u militari fil-każ ta' inċident taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira jew kriżi ċibernetika fejn l-Istati Membri jew l-Alleati tan-NATO jfittxu risponsi għal attakk ċibernetiku li jaffettwa s-sigurtà tagħhom. L-eżerċizzju jenħtieġ li jitwettaq b'mod inklużiv u nondiskriminatorju, u b'rispett sħiħ tal-prinċipji tal-parametri maqbula tal-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO. L-eżerċizzju jenħtieġ li jitwettaq fil-qafas tal-eżerċizzju Integrated Resolve tal-UE (Eżerċizzju Parallel u Koordinat, "PACE"). Jenħtieġ li jittieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni tal-atturi kollha msemmija fil-Pjan ta' Azzjoni Ċibernetiku.

(67) Jenħtieġ li jiġu kkunsidrati wkoll eżerċizzji ċibernetiċi konġunti fil-livell tal-Unjoni mal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, ir-Repubblika tal-Moldova, l-Ukrajna, kif ukoll ma' sħab strateġiċi oħra u ma' pajjiżi terzi tal-istess fehma, f'konsultazzjoni mal-Kunsill, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli.

X. Koordinazzjoni tal-ġestjoni ta' kriżijiet ċibernetiċi ma' atturi militari fil-livell tal-UE

(68) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jsaħħu l-kooperazzjoni bejn l-atturi ċibernetiċi ċivili u militari fil-livell nazzjonali.

(69) Jenħtieġ li l-EU-CyCLONe u n-network tas-CSIRTs jidentifikaw modi u proċeduri possibbli biex jikkooperaw mal-atturi militari rilevanti tal-UE, bħall-Konferenza taċ-Ċiberkmandanti tal-UE u n-Network Operazzjonali għall-Iskwadri Militari ta' Rispons f'Emerġenza relatata mal-Kompjuters ("MICNET") sabiex jibbenefikaw minn perspettiva militari u ċivili konġunta, b'mod partikolari permezz ta' laqgħat konġunti. Jenħtieġ li l-EU-CyCLONe u n-network tas-CSIRT jinfurmaw lill-Kunsill dwar il-progress li jkun sar fir-rigward ta' tali kooperazzjoni.

(70) L-Istat Membru affettwat huwa mistieden jinforma lill-EU-CyCLONe, kif ukoll lis-SEAE, jekk il-kapaċitajiet ta' rispons militari nazzjonali jew multinazzjonali rilevanti jintużaw fil-kuntest ta' inċident taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira jew kriżi ċibernetika, u l-għoti ta' din l-informazzjoni jiġi miftiehem b'mod reċiproku bejn l-utent u l-fornitur ta' tali kapaċità ta' rispons.

(71) Bħala parti mill-programm kontinwu ta' eżerċizzji ċibernetiċi tal-Unjoni msemmi fil-Kapitolu V hawn fuq, jenħtieġ li l-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli jikkunsidraw li jorganizzaw eżerċizzju konġunt sabiex jittestjaw il-kooperazzjoni bejn l-atturi ċibernetiċi kemm ċivili kif ukoll militari fil-każ ta' inċident taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira li jaffettwa lill-Istati Membri.

XI: Irkupru u tagħlimiet meħuda minn kriżi ċibernetika

(72) L-Istati Membri, l-entitajiet u n-networks rilevanti tal-Unjoni jenħtieġ li jikkollaboraw matul il-fażi tal-irkupru wara kriżi ċibernetika biex jiżguraw ir-restawr rapidu tal-funzjonalitajiet ewlenin. Jenħtieġ ukoll li l-komunitajiet tal-infurzar tal-liġi, fejn rilevanti, jiġu involuti f'tali kooperazzjoni. F'din il-fażi, il-kooperazzjoni mas-settur privat hija kruċjali, b'mod partikolari biex jiġi ffaċilitat l-irkupru tad-data u l-istabbiliment mill-ġdid tas-sistemi. Il-koordinazzjoni effettiva fost il-partijiet ikkonċernati jenħtieġ li tipprijoritizza l-minimizzazzjoni tat-tfixkil u l-iżgurar tal-kontinwità tal-operat.

(73) L-Istati Membri, l-entitajiet u n-networks rilevanti tal-Unjoni jenħtieġ li jaħdmu flimkien fil-fażi tal-irkupru billi jibnu fuq it-tagħlimiet meħuda minn kriżijiet ċibernetiċi jew minn inċidenti taċ-ċibersigurtà ġestiti fil-passat, kif ukoll fuq ir-rapporti tal-inċidenti, b'mod partikolari fil-kuntest tal-Mekkaniżmu Ewropew tar-Rieżami tal-Inċidenti taċ-Ċibersigurtà stabbilit bir-Regolament (UE) 2025/38.

(74) Jenħtieġ li l-EU-CyCLONe jipprovdi lista komprensiva tat-tagħlimiet meħuda minn kriżijiet ċibernetiċi jew minn inċidenti taċ-ċibersigurtà ġestiti fil-passat u l-aħjar prattiki, lin-network tas-CSIRTs, lill-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS, u lill-Kunsill. L-ENISA jenħtieġ li tiżgura li dawn it-tagħlimiet meħuda jiġu riflessi sew f'attivitajiet ta' preparatezza futuri u meta jiġi kkunsidrat l-ippjanar ta' eżerċizzji futuri.

XII: Komunikazzjoni sigura

(75) Abbażi tal-immappjar tal-għodod ta' komunikazzjoni siguri eżistenti[15], jenħtieġ li l-Kummissjoni, sa tmiem l-2026, tipproponi sett interoperabbli ta' soluzzjonijiet ta' komunikazzjoni siguri. Jenħtieġ li l-Kunsill, il-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli, l-EU-CyCLONe u n-network tas-CSIRTs jaqblu dwar dan is-sett ta' għodod sa tmiem l-2027. Dawn is-soluzzjonijiet jenħtieġ li jibbenefikaw mill-azzjonijiet fil-qasam tal-komunikazzjonijiet siguri li l-istituzzjonijiet tal-UE setgħu jieħdu taħt l-Istrateġija tal-UE għal Unjoni tal-Preparatezza u jenħtieġ li jkopru l-firxa sħiħa tal-modi ta' komunikazzjoni meħtieġa (vuċi, data, vidjokonferenzi, messaġġi, kollaborazzjoni u kondiviżjoni u konsultazzjoni ta' dokumenti). Jenħtieġ li s-soluzzjonijiet jissodisfaw rekwiżiti definiti b'mod komuni għall-protezzjoni ta' informazzjoni sensittiva mhux klassifikata. Jenħtieġ li jintużaw soluzzjonijiet ibbażati fuq protokoll miftuħ b'implimentazzjonijiet b'sors miftuħ adatti għal komunikazzjoni f'ħin reali, ġestiti minn entità residenti fl-UE.

(76) Għall-fini tal-iskambju ta' informazzjoni klassifikata bħala RESTREINT UE/EU RESTRICTED, jekk meħtieġ, jenħtieġ li l-EU-CyCLONe u n-network tas-CSIRTs ikunu jistgħu jużaw kanali ta' komunikazzjoni siguri garantiti għall-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata bejniethom u mal-Istati Membri.

[15] WK 862/2023.

(77) Mingħajr preġudizzju għall-qafas finanzjarju pluriennali futur, jenħtieġ li ċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà ("ECCC") stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2021/887[16], iqis finanzjament permezz tal-Programm Ewropa Diġitali biex jassisti lill-Istati Membri fil-varar ta' dawn l-għodod. Kwalunkwe duplikazzjoni ta' investimenti f'sistemi siguri interoperabbli jenħtieġ li tiġi evitata.

(78) B'mod partikolari, jenħtieġ li l-entitajiet tal-UE u l-Istati Membri jiżviluppaw kontinġenzi għal kriżijiet severi meta l-kanali ta' komunikazzjoni normali li jiddependu mill-Internet jew minn networks tat-telekomunikazzjoni jiġu interrotti jew ma jkunux disponibbli.

(79) Għal rispons effettiv għal kriżi, jenħtieġ li jiġu stabbiliti mekkaniżmi ta' komunikazzjoni u ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn l-infurzar tal-liġi u n-networks taċ-ċibersigurtà, b'mod partikolari fil-livell tekniku. Jenħtieġ li dawn il-mekkaniżmi jirrispettaw ir-rwol ta' kull parti u jevitaw li jinterferixxu ma' operazzjonijiet li jkunu għaddejjin u jiggarantixxu r-ridondanza tal-informazzjoni. Is-sistema ta' Komunikazzjoni Kritika tal-UE ("EUCCS") li qed tiġi żviluppata bħalissa tista' tkun ta' benefiċċju għar-rispons konġunt mal-komunitajiet ċibernetiċi rilevanti.

XIII: Dispożizzjonijiet finali

(80) Jenħtieġ li l-EU-CyCLONe, f'kooperazzjoni man-network tas-CSIRT u atturi ewlenin oħra fl-Ekosistema tal-UE għall-Ġestjoni ta' Kriżijiet Ċibernetiċi, u bl-appoġġ ta' ENISA, jiżviluppa, fi żmien sena wara l-pubblikazzjoni tar-Rakkomandazzjoni, dijagrammi sekwenzjali dettaljati tal-proċess li jiddeskrivu l-flussi tal-informazzjoni bejn l-atturi rilevanti, il-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet u r-rapporti żviluppati matul il-ġestjoni ta' inċident taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira jew kriżi ċibernetika kif deskritt f'din ir-Rakkomandazzjoni. Id-dijagrammi sekwenzjali jenħtieġ li jkopru modi u saffi differenti ta' kooperazzjoni. Jenħtieġ li dawn jiġu aġġornati meta jkun meħtieġ.

[16] Ir-Regolament (UE) 2021/887 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi ċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà u n-Network ta' Ċentri Nazzjonali ta' Koordinazzjoni, ĠU L 202, 8.6.2021, p. 1–31.

(81) Biex jappoġġa l-applikazzjoni effettiva tal-Pjan ta' Azzjoni Ċibernetiku rivedut, u filwaqt li jibni fuq l-esperjenza miksuba permezz tal-eżerċizzji ċibernetiċi konġunti mwettqa taħtu, il-Kunsill jista' jiżviluppa, jekk ikun meħtieġ, sett ta' linji gwida ta' implimentazzjoni. Dawn il-linji gwida jistgħu jindirizzaw l-isfidi prattiċi identifikati waqt l-eżerċizzji u jagħlqu l-lakuni identifikati u r-rabtiet neqsin fil-koordinazzjoni, il-komunikazzjoni u l-interazzjoni operazzjonali.

(82) Jenħtieġ li din ir-Rakkomandazzjoni tiġi rieżaminata mill-Kummissjoni f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, mill-inqas kull erba' snin wara l-pubblikazzjoni tagħha. Wara kull rieżami, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippubblika rapport u tippreżentah lill-Kunsill. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jqisu, b'mod partikolari, l-impatt tax-xenarju tat-theddid dejjem jinbidel, ir-riżultati ta' eżerċizzji konġunti u bidliet leġiżlattivi - b'mod partikolari kwalunkwe bidla possibbli li tirriżulta mir-reviżjoni tar-Regolament (UE) 2019/881.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNESS I – Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni għar-rispons għal kriżi taċ-ċibersigurtà



ANNESS II – ATTURI RILEVANTI FIL-LIVELL TAL-UNJONI (ENTITAJIET U NETWORKS) U MEKKANIŻMI TA' ĠESTJONI TAL-KRIŻIJIET

(1) L-involviment tal-atturi ewlenin tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-ġestjoni tal-kriżijiet ċibernetiċi (inċidenti taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira u kriżijiet ċibernetiċi)

	Preparatezza	Kxif	Rispons għal inċident taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira jew kriżi ċibernetika			Komunikazzjoni pubblika	L-irkupru u t-tagħlimiet meħuda
			fuq livell tekniku	fuq livell operazzjonali	fuq livell politiku		
L-Istati Membri	X	X	X	X	X	X	X
Kummissjoni	X			X	X	X	
Rappreżentant Għoli assistit mis-SEAE	X			X	X	X	
Kunsill	X				X	X	X
ENISA	X		X	X			
CERT-UE	X	X	X	X		X	X
Network tas-CSIRTs	X	X	X				X
EU-CyCLONe	X			X	X		X

(2) Rwoli u kompetenzi tal-atturi u l-mekkaniżmi rilevanti fil-livell tal-Unjoni (f'ordni alfabetiku) fir-rigward tal-ġestjoni tal-kriżijiet ċibernetiċi

Attur	Livell	Rwol u kompetenza	Referenza
CERT-UE	Tekniku / Operazzjonali	Jikkoordina r-rispons għall-kriżijiet fil-livell tekniku u l-ġestjoni ta' inċidenti kbar li jaffettwaw lill-entitajiet tal-Unjoni. Iżomm inventarju tal-għarfien espert tekniku disponibbli li jkun meħtieġ għar-rispons għal inċidenti fil-każ ta' inċidenti kbar u jassisti lill-IICB fil-koordinazzjoni tal-pjanijiet ta' ġestjoni ta' kriżijiet ċibernetiċi tal-entitajiet tal-Unjoni għall-inċidenti kbar. Membru tan-Network tas-CSIRTs. Jappoġġa lill-Kummissjoni fl-EU-CyCLONe dwar il-ġestjoni koordinata ta' inċidenti u kriżijiet taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira. Jaġixxi bħala ċ-ċentru ta' koordinazzjoni tal-iskambju tal-informazzjoni dwar iċ-ċibersigurtà u tar-rispons għall-inċidenti, li jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni dwar inċidenti, theddid ċibernetiku,	Ir-Regolament (UE, Euratom) 2023/2841 Ir-Regolament (UE) 2025/38

Attur	Livell	Rwol u kompetenza	Referenza
		vulnerabbiltajiet u kważi aċċidenti fost l-entitajiet u l-kontropartijiet tal-Unjoni. Jitlob il-varar tar-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE f'isem l-entitajiet tal-Unjoni. Jikkoopera maċ-Ċentru taċ-Ċibersigurtà tan-NATO abbażi tal-Ftehim Tekniku tiegħu.	
Kunsill tal-Unjoni Ewropea	Politiku	Funzjonijiet ta' tfassil ta' politika u ta' koordinazzjoni. Huwa fdat bl-IPCR li jikkonċerna l-koordinazzjoni u r-rispons fil-livell politiku tal-Unjoni.	L-Artikolu 16 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea
Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea	Politiku	Tiddeċiedi (ħlief meta l-klawżola ta' solidarjetà tiġi invokata skont l-Artikolu 222 TFUE tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea) jekk tattivax l-IPCR b'konsultazzjoni mal-Istati Membri affettwati kif xieraq, kif ukoll il-Kummissjoni u r-RGħ.	L-Artikolu 16 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1993
Ċentri Ċibernetiċi Transfruntieri	Tekniku	Iċ-Ċentru Ċibernetiku Transfruntier huwa pjattaforma multinazzjonali, stabbilita bi ftehim bil-miktub tal-konsorzju li fi struttura ta' network ikkoordinat tiġbor flimkien Ċentri Ċibernetiċi	Ir-Regolament (UE) 2025/38

Attur	Livell	Rwol u kompetenza	Referenza
		Nazzjonali minn tal-anqas tliet Stati Membri, u mfassla biex issaħħaħ il-monitoraġġ, il-kxif u l-analiżi tat-theddid ċibernetiku, tipprevjeni l-inċidenti ċibernetiċi u tappoġġa l-ġenerazzjoni ta' intelligence dwar it-theddid ċibernetiku, b'mod partikolari bl-iskambju ta' data u informazzjoni rilevanti, anonimizzati meta jkun xieraq, kif ukoll bil-kondiviżjoni ta' għodod mill-aktar avvanzati u bl-iżvilupp konġunt ta' identifikazzjoni, analiżi, u kapaċitajiet tal-prevenzjoni u tal-protezzjoni fil-qasam ċibernetiku f'kuntest ta' fiduċja; Jikkooperaw mill-qrib man-Network tas-CSIRTs biex jaqsmu l-informazzjoni. Jipprovdu informazzjoni relatata ma' inċident potenzjali jew kontinwu taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira lill-awtoritajiet tal-Istati Membri u lill-Kummissjoni permezz tal-EU-CyCLONe u n-Network tas-CSIRTs.	

Attur	Livell	Rwol u kompetenza	Referenza
Network tas-CSIRTs	Tekniku	Jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-kunfidenza u tal-fiduċja u jippromwovi kooperazzjoni operazzjonali rapida fost l-Istati Membri. Huwa n-network ewlieni li jiskambja informazzjoni rilevanti dwar inċidenti, kważi inċidenti, theddid ċibernetiku, riskji u vulnerabbiltajiet. Fuq it-talba ta' membru potenzjalment affettwat minn inċident, in-Network jiskambja u jiddiskuti informazzjoni relatat ma' dak l-inċident u t-theddid ċibernetiku assoċjat. In-Network jista' jiffaċilita wkoll rispons koordinat għal inċident li jkun ġie identifikat fil-ġuriżdizzjoni ta' membru li qed jagħmel it-talba. Jipprovdi assistenza lill-Istati Membri fil-ġestjoni ta' inċidenti transfruntieri u jesplora aktar forom ta' kooperazzjoni, inkluż assistenza reċiproka.	Id-Direttiva (UE) 2022/2555 Ir-Regolament (UE) 2025/38

Attur	Livell	Rwol u kompetenza	Referenza
		Jirċievi informazzjoni mingħand l-Istati Membri rigward it-talbiet tagħhom lir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE.	
Konferenza taċ-Ċiberkmandanti		Forum għaċ-ċiberkmandanti fil-livell nazzjonali fl-Istati Membri biex jikkollaboraw u jiskambjaw informazzjoni vitali dwar l-operazzjonijiet u l-istrateġiji taċ-ċiberspazju li għaddejjin għall-mitigazzjoni ta' inċidenti ċibernetiċi fuq skala kbira. Organizzata mill-Presidenza b'rotazzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea bl-appoġġ tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA), is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), inkluż il-Persunal Militari tal-UE (EUMS, EU Military Staff).	Komunikazzjoni Konġunta dwar il-Politika tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiża (2022)
Kummissjoni	Operazzjonali / Politiku	Il-korp eżekuttiv tal-Unjoni Ewropea. Tiżgura l-funzjonament bla xkiel tas-suq intern. Tiffaċilita l-koerenza u l-koordinazzjoni bejn l-azzjonijiet	L-Artikolu 17 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1993

Attur	Livell	Rwol u kompetenza	Referenza
		relatati ta' rispons għall-kriżijiet fil-livell tal-Unjoni. Ċerti azzjonijiet ta' preparatezza ġenerali fil-livell tal-Unjoni, inkluż il-ġestjoni taċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza u s-Sistema Komuni ta' Komunikazzjoni u Informazzjoni f'każ ta' Emerġenza. Osservatur fl-EU-CyCLONe u Membru f'każ ta' inċident potenzjali jew li jkun għaddej fuq skala kbira li jkollu jew x'aktarx ikollu impatt sinifikanti fuq is-servizzi u l-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2022/2555. Osservatur fin-Network tas-CSIRTs. Għandu responsabbiltà ġenerali mill-implimentazzjoni tar-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE. Punt ta' kuntatt fil-Bord Interistituzzjonali taċ-Ċibersigurtà għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni rilevanti fir-rigward	Id-Deċiżjoni 1313/2013/UE Id-Direttiva (UE) 2022/2555 Ir-Regolament (UE) 2025/38 Ir-Regolament (UE, Euratom) 2023/2841

Attur	Livell	Rwol u kompetenza	Referenza
		ta' inċidenti kbar għal EU-CyCLONe. Ikkonsultat mill-Presidenza tal-Kunsill dwar deċiżjonijiet biex jiġi attivat jew diżattivat l-IPCR (ħlief meta l-klawżola ta' solidarjetà tiġi invokata skont l-Artikolu 222 TFUE). Is-servizzi tal-Kummissjoni, flimkien mas-SEAE, iħejju r-rapporti tal-ISAA.	
Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA)	Tekniku / operazzjonali	Twettaq kompiti bl-għan li jinkiseb livell għoli ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni, inkluż billi tappoġġa b'mod attiv lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Tipprovdi s-segretarjat għan-Network tas-CSIRTs u l-EU-CyCLONe. Tħejji Rapport regolari dwar is-Sitwazzjoni Teknika taċ-Ċibersigurtà tal-UE dwar inċidenti u theddid ċibernetiku (mal-EC3 u s-CERT-UE u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri). Tikkontribwixxi fl-iżvilupp ta' rispons komuni għal inċidenti jew	Id-Direttiva (UE) 2022/2555 Ir-Regolament (UE) 2019/881 Ir-Regolament (UE) 2025/38 Ir-Regolament (UE) 2024/2847

Attur	Livell	Rwol u kompetenza	Referenza
		kriżijiet transfruntieri fuq skala kbira l-aktar billi: - taggrega u tanalizza rapporti minn sorsi nazzjonali; - tiżgura l-fluss ta' informazzjoni bejn il-livelli tekniċi, operazzjonali u politiċi; - fuq talba, tiffaċilita l-ġestjoni tal-inċidenti; - tappoġġa l-entitajiet tal-Unjoni fir-rigward tal-komunikazzjoni pubblika; - tappoġġa lill-Istati Membri fir-rigward tal-komunikazzjoni pubblika, fuq talba; - tittestja l-kapaċitajiet ta' rispons għall-inċidenti u l-organizzazzjoni regolari tal-eżerċizzji taċ-ċibersigurtà. Taġixxi bħala awtorità kontraenti fejn tkun ġiet fdata biex topera u tamministra r-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE, parzjalment jew kompletament. Torganizza eżerċizzju biennali komprensiv taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira fil-livell tal-Unjoni b'elementi tekniċi, operazzjonali jew strateġiċi. Tħejji rapport ta' rieżami tal-inċidenti f'kollaborazzjoni mal-Istat Membru kkonċernat u ma'	

Attur	Livell	Rwol u kompetenza	Referenza
		partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, biex tivvaluta l-kawżi, l-impatt u l-mitigazzjoni ta' inċident (fuq talba tal-Kummissjoni jew tal-EU-CyCLONe u bl-approvazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat). Tinforma lill-EU-CyCLONe jekk l-informazzjoni pprovduta skont l-obbligi ta' rapportar tal-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika hijiex rilevanti għall-ġestjoni koordinata ta' inċidenti u kriżijiet taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira f'livell operazzjonali.	
Network Ewropew ta' organizzazzjoni ta' kollegament f'każ ta' ċiberkriżijiet (EU-CyCLONe)	Operazzjonali	Jappoġġa l-ġestjoni koordinata ta' inċidenti u kriżijiet taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira fil-livell operazzjonali Jiżgura l-iskambju regolari ta' informazzjoni rilevanti fost l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni. Jikkoordina l-ġestjoni ta' inċidenti u kriżijiet taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira u jappoġġa t-teħid ta' deċiżjonijiet fil-livell politiku fir-rigward ta' inċidenti u tali kriżijiet.	Id-Direttiva (UE) 2022/2555 Ir-Regolament (UE) 2025/38

Attur	Livell	Rwol u kompetenza	Referenza
		Jivvaluta l-konsegwenzi u l-impatt tal-inċidenti u l-kriżijiet taċ-ċibersigurtà rilevanti fuq skala kbira u jipproponi miżuri ta' mitigazzjoni possibbli. Jiddiskuti, fuq it-talba ta' Stat Membru kkonċernat, il-pjanijiet nazzjonali ta' rispons għall-inċidenti u l-kriżijiet taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira. Jiżviluppa, flimkien mal-ENISA u l-Kummissjoni, il-mudell biex jiffaċilita l-preżentazzjoni ta' talbiet għall-appoġġ mir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE. Jirċievi informazzjoni mingħand l-Istati Membri rigward it-talbiet tagħhom lir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE. Jirċievi informazzjoni relatata ma' inċident potenzjali jew li jkun għaddej taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira miċ-ċentri ċibernetiċi transfruntieri jew min-Network tas-CSIRTs.	
Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-	Politiku	Tmexxi u tikkoordina l-isforzi tal-Unjoni biex tindirizza t-theddid għas-sigurtà esterna fl-oqsma tal-ibridi u dawk ċibernetiċi	Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE

Attur	Livell	Rwol u kompetenza	Referenza
Politika ta' Sigurtà assistit mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna		Responsabbli mill-istrumenti taċ-ċiberdiplomazija u ċ-ċiberdifiża tal-Unjoni biex jiskoraġġixxu u jirrispondu għat-theddid estern, inkluż bl-użu tas-Settijiet ta' Għodod Ibridi u taċ-Ċiberdiplomazija tal-Unjoni. Tinvolvi ruħha ma' sħab esterni inkluż ukoll permezz tal-involviment tal-PSDK. Tipprovdi preparatezza għall-għarfien tas-sitwazzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri dwar it-theddid ibridu u ċibernetiku u l-kapaċità li jirreaġixxu għalih, pereżempju permezz ta' eżerċizzji prattiċi, taħriġ u networks. Tittratta l-implikazzjonijiet tas-sigurtà u d-difiża tal-assi spazjali tal-Unjoni, speċjalment taħt il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) tal-Unjoni. Tappoġġa l-Konferenza taċ-Ċiberkmandanti tal-UE. Tappoġġa n-Network Operazzjonali għall-Iskwadri Militari ta' Rispons f'Emerġenza relatata mal-Kompjuters (MICNET) tal-UE.	

Attur	Livell	Rwol u kompetenza	Referenza
		Ikkonsultata mill-Presidenza tal-Kunsill dwar deċiżjonijiet biex jiġi attivat jew diżattivat l-IPCR (ħlief meta l-klawżola ta' solidarjetà tiġi invokata skont l-Artikolu 222 TFUE). Is-SEAE jħejji, flimkien mas-servizzi tal-Kummissjoni, ir-rapporti tal-ISAA.	
Ċentru ta' Koordinazzjoni tal-UE għaċ-Ċiberdifiża	Orizzontali	L-objettiv inizjali tiegħu huwa li primarjament isaħħaħ l-għarfien komuni tas-sitwazzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri tiegħu dwar attivitajiet malizzjużi fiċ-ċiberspazju, b'mod partikolari fir-rigward tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet militari tal-PSDK.	Komunikazzjoni Konġunta dwar il-Politika tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiża (2022)
Europol	Operazzjonali	Jipprovdi appoġġ operazzjonali u tekniku lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għall-prevenzjoni u d-deterrenza taċ-ċiberkriminalità. Jassisti lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, fuq talba tagħhom, fir-rispons għal attakki ċibernetiċi ta' oriġini kriminali suspettata.	Ir-Regolament (UE) 2016/794, inkluż l-emendi kollha

Attur	Livell	Rwol u kompetenza	Referenza
Bord Interistituzzjonali tać-Ċibersigurtà		Jistabbilixxi pjan ta' ġestjoni tal-kriżijiet ċibernetiċi bil-ħsieb li jappoġġa, f'livell operazzjonali, il-ġestjoni koordinata ta' inċidenti kbar li jaffettwaw lill-entitajiet tal-Unjoni u li jikkontribwixxi għall-iskambju regolari ta' informazzjoni rilevanti. Jikkoordina l-adozzjoni tal-pjanijiet ta' ġestjoni tal-kriżijiet ċibernetiċi tal-entitajiet individwali tal-Unjoni Jadotta, abbażi ta' proposta tas-CERT-UE, linji gwida jew rakkomandazzjonijiet dwar il-kooperazzjoni fir-rispons għall-inċidenti għal inċidenti sinifikanti li jikkonċernaw l-entitajiet tal-Unjoni.	Ir-Regolament (UE, Euratom) 2023/2841
Network Operazzjonali għall-Iskwadri Militari ta' Rispons f'Emerġenza relatata mal-Kompjuters (MICNET)	Tekniku	Irawwem rispons aktar robust u koordinat għat-theddid ċibernetiku li jaffettwa s-sistemi ta' difiża fl-Unjoni, inkluż dawk użati f'missjonijiet u operazzjonijiet militari tal-PSDK; appoġġat mill-Aġenzija Ewropea għad-Difiża.	Il-Komunikazzjoni Konġunta dwar iċ-Ċiberdifiża 2022

Attur	Livell	Rwol u kompetenza	Referenza
Kapaċità Unika ta' Analiżi tal-Intelligence (SIAC)		Magħmul minn (1) Ċentru tal-Intelligence u tas-Sitwazzjonijiet tal-UE (INTCEN tal-UE) u (2) id-Direttorat tal-Intelligence tal-Persunal Militari tal-UE (EUMS INT) SIAC. Jipprovdi intelligence strateġika dwar il-politika barranija, it-terroriżmu, u t-theddid ċibernetiku u ibridu, u Jittratta l-intelligence militari għall-missjonijiet tal-PSDK u jappoġġa l-operazzjonijiet ta' difiża u ta' maniġġar ta' kriżijiet tal-Unjoni. Taħt l-awtorità tar-Rappreżentant Għoli.	L-Artikoli 38 u 42 sa 46 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea

(3) Mekkaniżmi u pjattaformi rilevanti għall-ġestjoni ta' kriżijiet fil-livell tal-Unjoni

Mekkaniżmu	Orizzontali/ settorjali/ speċifiku għaċ-ċibernetika	Deskrizzjoni	Referenza
ARGUS	Orizzontali	Il-proċess ta' koordinazzjoni u s-sistema ġenerali ta' twissija tal-Kummissjoni għal rispons koerenti fil-każ ta' kriżi transfruntiera kbira li teħtieġ azzjoni fil-livell tal-UE. Dan jiġbor flimkien is-servizzi u l-Kabinetti rilevanti kollha biex jiddeċiedu dwar il-miżuri u jikkoordinawhom. Jippermetti lill-Kummissjoni tiskambja informazzjoni rilevanti dwar kriżijiet multisettorjali emerġenti jew theddid prevedibbli jew imminenti li jirrikjedi azzjoni fil-livell tal-Unjoni.	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni (2005)662
Ċentru ta' Rispons għall-Kriżijiet (CRC) tas-SEAE	Orizzontali	Il-punt ta' dħul uniku fis-SEAE għall-kwistjonijiet kollha relatati ma' kriżi u l-kapaċità permanenti ta' rispons għal kriżijiet 24/7 għal emerġenzi li jheddu s-sikurezza tal-persunal fid-Delegazzjonijiet tal-UE, u/jew b'reazzjoni għal kriżijiet li jaffettwaw liċ-ċittadini tal-Unjoni barra mill-pajjiż. Huwa jlaqqa' flimkien esperti tas-sigurtà, konsulari u tal-għarfien tas-sitwazzjoni, filwaqt li jiddependi	Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża - Għal Unjoni Ewropea li Tipproteġi ċ-Ċittadini, il-Valuri u l-Interessi u Tikkontribwixxi għall-Paċi u s-Sigurtà Internazzjonali (21 ta' Marzu 2022)

Mekkaniżmu	Orizzontali/ settorjali/ speċifiku għaċ-ċibernetika	Deskrizzjoni	Referenza
		fuq professjonisti impenjati fuq il-post fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni.	
Pjan ta' Azzjoni għall-Infrastruttura Kritika	Orizzontali	Jikkoordina rispons fil-livell tal-Unjoni għal tfixkil fl-infrastruttura kritika b'rilevanza transfruntiera sinifikanti.	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill C/2024/4371
Sistema ta' Allert għaċ-Ċibersigurtà	Speċifika għaċ-ċibernetika	Tiżgura kapaċitajiet avvanzati tal-Unjoni biex ittejjeb il-kapaċitajiet ta' kxif, analiżi u proċessar tad-data b'rabta ma' theddid ċibernetiku u l-prevenzjoni ta' inċidenti fl-Unjoni.	Ir-Regolament (UE) 2025/38
Sett ta' Għodod taċ-Ċiberdiplomazija (Qafas għal Rispons Diplomatiku Konġunt tal-UE għal Attivitajiet Ċibernetiċi Malizzjużi)	Speċifika għaċ-ċibernetika	Jippermetti rispons diplomatiku konġunt tal-Unjoni għal attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi, filwaqt li jikkontribwixxi għall-prevenzjoni tal-kunflitti, il-mitigazzjoni ta' theddid għaċ-ċibersigurtà, u stabbiltà akbar fir-relazzjonijiet internazzjonali.	Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Ġunju 2017 Linji gwida ta' implimentazzjoni riveduti 10289/23, 8 ta' Ġunju 2023
Riżerva tal-UE għaċ-Ċibersigurtà	Speċifika għaċ-ċibernetika	Timmobilizza l-esperti u r-riżorsi taċ-ċibersigurtà matul il-kriżijiet biex tappoġġa l-isforzi ta' rispons fl-Istati Membri, fl-istituzzjonijiet, fil-korpi jew fl-aġenziji tal-Unjoni	Ir-Regolament (UE) 2025/38

Mekkaniżmu	Orizzontali/ settorjali/ speċifiku għaċ-ċibernetika	Deskrizzjoni	Referenza
Kodiċi tan-network dwar regoli speċifiċi għas-settur għall-aspetti taċ-ċibersigurtà tal-flussi transfruntieri tal-elettriku	Settorjali	Jistabbilixxi proċess rikorrenti ta' valutazzjonijiet tar-riskji għaċ-ċibersigurtà fis-settur tal-elettriku, fil-livell tal-Unjoni, tal-Istati Membri, reġjonali u tal-entitajiet. Fih dispożizzjonijiet speċifiċi għall-ġestjoni ta' kriżijiet u l-kooperazzjoni mas-CSIRTs u l-EU-CyCLONe f'każijiet meta inċident taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira jkollu impatt fuq setturi oħra li jiddependu mis-sigurtà tal-provvista tal-elettriku.	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/1366
Sett ta' Għodod tal-UE kontra Theddid Ibridu	Orizzontali	Jinkludi sett ta' dispożizzjonijiet biex tiġi żgurata ħarsa ġenerali ta' dak li huwa disponibbli fil-livell tal-UE b'rispons għal kull tip ta' theddid ibridu u l-użu koordinat tagħhom, filwaqt li tiġi żgurata l-koerenza tal-azzjonijiet tagħna fl-oqsma kollha. Is-Sett ta' Għodod tal-UE kontra Theddid Ibridu jgħin biex jiġi żgurat li t-teħid ta' deċiżjonijiet ikun ibbażat fuq għarfien komprensiv tas-sitwazzjoni u t-tagħlimiet meħuda	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Qafas għal reazzjoni koordinata tal-UE għal kampanji ibridi, 22 ta' Ġunju 2022 Linji gwida ta' implimentazzjoni għall-Qafas għal rispons koordinat tal-UE għall-kampanji ibridi, 14 ta' Diċembru 2022

Mekkaniżmu	Orizzontali/ settorjali/ speċifiku għaċ-ċibernetika	Deskrizzjoni	Referenza
Timijiet ta' Rispons Rapidu kontra Theddid Ibridu (HRRTs tal-UE)	Orizzontali	Bħala parti mis-Sett ta' Għodod tal-UE kontra Theddid Ibridu, it-Timijiet ta' Rispons Rapidu tal-UE kontra Theddid Ibridu jużaw l-għarfien espert ċivili u militari settorjali rilevanti nazzjonali u tal-UE biex jipprovdu assistenza mfassla apposta u mmirata fuq terminu qasir lill-Istati Membri, lill-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni, u lill-pajjiżi sħab fil-ġlieda kontra t-theddid u l-kampanji ibridi.	Qafas ta' gwida għall-istabbiliment prattiku tat-Timijiet ta' Rispons Rapidu tal-UE kontra Theddid Ibridu (21 ta' Mejju 2024) Gwida Operazzjonali għall-Mobilizzazzjoni tat-Timijiet ta' Rispons Rapidu kontra Theddid Ibridu, approvata mill-Coreper, 4 ta' Diċembru 2024
IPCR	Orizzontali	Jappoġġa t-teħid ta' deċiżjonijiet rapidu u koordinat fil-livell politiku tal-Unjoni għal kriżijiet kbar u kumplessi. Id-deċiżjoni biex jiġi attivat u diżattivat tittieħed mill-Presidenza tal-Kunsill li tikkonsulta (ħlief fejn tkun ġiet invokata l-klawżola ta' solidarjetà) lill-Istati Membri affettwati, lill-Kummissjoni u lir-RGħ.	Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1993

Mekkaniżmu	Orizzontali/ settorjali/ speċifiku għaċ-ċibernetika	Deskrizzjoni	Referenza
		Is-SĠK, is-servizzi tal-Kummissjoni u s-SEAE jistgħu jaqblu wkoll, f'konsultazzjoni mal-Presidenza, li jattivaw l-IPCR fil-modalità tal-kondiviżjoni ta' informazzjoni. Il-ħidma tal-IPCR hija bbażata fuq ir-rapporti tal-ISAA li jiġu mħejjija mis-servizzi tal-Kummissjoni u s-SEAE. Dawn ir-rapporti huma bbażati fuq informazzjoni u analiżijiet rilevanti provduti mill-Istati Membri (eż. miċ-ċentri nazzjonali rilevanti għall-kriżijiet), u mill-aġenziji u l-korpi rilevanti tal-Unjoni.	
Protokoll ta' Rispons f'Emerġenza tal-Infurzar tal-Liġi tal-UE	Orizzontali	Għodda li tappoġġa lill-awtoritajiet tal-infurzar tad-dritt tal-Unjoni biex jipprovdu rispons immedjat għal attakki ċibernetiċi transfruntieri kbar permezz ta' valutazzjoni rapida, kondiviżjoni sigura u f'waqtha ta' informazzjoni kritika u koordinazzjoni effettiva tal-aspetti internazzjonali tal-investigazzjonijiet tagħhom.	Konklużjonijiet tal-Kunsill (26 ta' Ġunju 2018) dwar Rispons tal-UE għal Inċidenti u Kriżijiet taċ-Ċibersigurtà fuq Skala Kbira.
Timijiet ta' Rispons Rapidu Ċibernetiku tal-PESCO (CRRT)	Speċifika għaċ-ċibernetika	Is-CRRTs tal-PESCO huma kapaċità ta' ċiberdifiża ċivili militari żviluppata b'mod komuni mill-Istati Membri tal-UE biex jirrispondu	Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 42(6), l-Artikolu 46 u l-Protokoll 10.

Mekkaniżmu	Orizzontali/ settorjali/ speċifiku għaċ-ċibernetika	Deskrizzjoni	Referenza
		malajr għal inċidenti u kriżijiet ċibernetiċi kif ukoll iwettqu azzjonijiet preventivi, bħal valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà u monitoraġġ tal-elezzjonijiet. Il-missjoni tas-CRRTs tal-PESCO għandha tipprovdi appoġġ ċibernetiku, fuq talba, lill-Istati Membri tal-UE, lill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE, lill-missjonijiet u l-operazzjonijiet militari tal-PSDK tal-UE, kif ukoll lill-pajjiżi sħab.	

Arkitettura tar-Rispons għat-Theddid Spazjali (STRA)	Settorjali (Theddid Spazjali inkluż dak ċibernetiku)	L-Arkitettura ta' Rispons għat-Theddid Spazjali (STRA) dwar ir-responsabbiltajiet li għandhom jiġu eżerċitati mill-Kunsill u mir-Rappreżentant Għoli biex tiġi evitata theddida li tirriżulta mill-varar, l-operat jew l-użu tas-sistemi stabbiliti u s-servizzi provduti skont il-Programm Spazjali tal-Unjoni	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/698
Qafas ta' Koordinazzjoni ta' Inċidenti Ċibernetiċi Sistemiċi (EU-SCICF)	Settorjali	Qafas li qed jiġi żviluppat għall-komunikazzjoni u l-koordinazzjoni li jindirizza u jimmaniġġa avvenimenti ċibernetiċi sistemiċi potenzjali fis-settur finanzjarju. Dan ser jibni fuq wieħed mir-rwoli previsti tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE) skont ir-Regolament (UE) 2022/2554 li gradwalment jippermetti rispons koordinat effettiv fil-livell tal-Unjoni fil-każ ta' inċident transfruntier kbir relatat mat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) jew theddid relatat li jkollu impatt sistemiku fuq is-settur finanzjarju tal-Unjoni kollu kemm hu.	Rakkomandazzjoni tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar qafas pan-Ewropew ta' koordinazzjoni ta' inċidenti ċibernetiċi sistemiċi għall-awtoritajiet rilevanti (ESRB/2021/17)
Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-	Orizzontali	Jiżgura l-kooperazzjoni fil-protezzjoni ċivili biex itejjeb il-	Deċiżjoni 1313/2013.

Protezzjoni Ċivili (UCPM)		prevenzjoni, il-preparatezza u r-rispons għad-diżastri.	
CISE - Ambjent Komuni għall-Qsim tal-Informazzjoni	Speċifiku għas-settur marittimu li jkopri seba' setturi.	Is-CISE - huwa network li jgħaqqad is-sistemi tal-awtoritajiet tal-UE/taż-ŻEE b'responsabbiltà fis-sorveljanza marittima. Is-CISE jippermetti l-iskambju ta' informazzjoni rilevanti bejn il-fruntieri u setturi differenti b'mod awtomatizzat u bla xkiel.	Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża - Għal Unjoni Ewropea li Tipproteġi liċ-Ċittadini, il-Valuri u l-Interessi u Tikkontribwixxi għall-Paċi u s-Sigurtà Internazzjonali (21 ta' Marzu 2022).

(4) Setturi ta' kritikalità għolja u setturi kritiċi oħra skont id-Direttiva (UE) 2022/2555 u mekkaniżmi ta' kriżi settorjali fil-livell tal-Unjoni (fejn applikabbli)		
Setturi	**Sottosettur**	**Mekkaniżmi ta' kriżi settorjali applikabbli**
Enerġija	Elettriku	Grupp għall-Koordinazzjoni tal-Elettriku
	Tisħin u tkessiħ distrettwali	mhux applikabbli
	Żejt	Grupp ta' Koordinazzjoni għaż-Żejt Grupp ta' Awtoritajiet tal-Unjoni Ewropea Responsabbli għall-Attivitajiet taż-Żejt u tal-Gass lil hinn mill-Kosta (EUOAG)
	Gass	Grupp ta' Koordinazzjoni dwar il-Gass
	Idroġenu	mhux applikabbli
Trasport	Ajru	Ċellula Ewropea ta' Koordinazzjoni tal-Kriżijiet fis-Settur tal-Avjazzjoni (EACCC)
	Ferrovija	mhux applikabbli
	Ilma	Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA) SafeSeaNet (SSN) Servizzi Marittimi Integrati (IMS) Ċentru ta' Data għall-Identifikazzjoni u t-Traċċar ta' Bastimenti mill-Bogħod (LRIT) Servizzi ta' Appoġġ Marittimu tal-EMSA

	Toroq	mhux applikabbli
	Orizzontali	In-Network ta' Punti ta' Kuntatt għat-Trasport, stabbilit mill-Pjan ta' Kontinġenza għat-Trasport (COM(2022) 211)
Ibbankjar		UE-SCICF
Infrastrutturi tas-suq finanzjarju		UE-SCICF Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja

Saħħa		Sistema ta' Twissija Bikrija u ta' Rispons (EWRS) Faċilità tal-Operazzjonijiet ta' Emerġenzi tas-Saħħa (HEOF) Sistema ta' twissija rapida għat-tessuti u ċ-ċelloli u l-komponenti tad-demm (RATC/RAB) Qafas għall-Emerġenzi tas-Saħħa Pubblika Sistema ta' Twissija Rapida għal Inċidenti Kimiċi (RASCHEM) Portal Ewropew ta' sorveljanza għall-mard infettiv Awtorità tal-UE għat-Tħejjija u għar-Rispons f'Każ ta' Emerġenza tas-Saħħa (HERA) Sistema ta' Informazzjoni dwar is-Saħħa Medika (MediSys) Grupp Eżekuttiv ta' Tmexxija dwar l-Apparati Mediċi (MDSSG) Twissija Rapida tal-Farmakoviġilanza Task Force tal-UE għas-Saħħa (EUHTF) Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa
Ilma tax-xorb		mhux applikabbli

Ilma mormi		mhux applikabbli
Infrastruttura diġitali		mhux applikabbli
Ġestjoni tas-servizzi tal-ICT		mhux applikabbli
Amministrazzjoni pubblika		mhux applikabbli
Spazju		Arkitettura tar-Rispons għat-Theddid Spazjali (STRA)
Servizzi postali u tal-kurrier		mhux applikabbli
Ġestjoni tal-iskart		mhux applikabbli
Manifattura, produzzjoni u distribuzzjoni ta' sustanzi kimiċi		Sistema ta' Twissija Rapida għal Inċidenti Kimiċi (RASCHEM)

Produzzjoni, proċessar u distribuzzjoni tal-ikel		Sistema Ewropea ta' monitoraġġ tal-għelejjel Detezzjoni ta' hotspot ta' anomalija tal-produzzjoni agrikola globali (ASAP) Network Ewropew ta' Sistemi ta' Informazzjoni dwar is-Saħħa tal-Pjanti (EUROPHYT) Tim Veterinarju ta' Emerġenza tal-UE (EUVET) Sistema ta' Twissija Rapida għall-Ikel u l-Għalf (RASFF) Mekkaniżmu Ewropew ta' tħejjija u rispons għal Kriżijiet tas-Sigurtà tal-Ikel (EFSCM) Att dwar l-Emerġenza u r-Reżiljenza tas-Suq Intern (IMERA)
Manifattura	Apparati mediċi	mhux applikabbli
	Kompjuter, prodotti elettroniċi u ottiċi	mhux applikabbli
	Makkinarju u tagħmir	mhux applikabbli
	Manifattura ta' vetturi bil-mutur, trejlers u semitrejlers	mhux applikabbli
	Manifattura ta' tagħmir ieħor tat-trasport	mhux applikabbli

Fornituri diġitali		mhux applikabbli
Riċerka		mhux applikabbli

ANNESS III – Qafas tal-UE għall-Ġestjoni ta' Kriżijiet taċ-Ċibersigurtà u Strumenti Relatati

Mill-2017, l-Unjoni żviluppat il-qafas taċ-ċibersigurtà tagħha permezz ta' diversi strumenti li fihom dispożizzjonijiet rilevanti għall-ġestjoni ta' kriżijiet taċ-ċibersigurtà:

- Ir-Regolament (UE) 2019/881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1],
- Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2],
- Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2024/2690[3], ir-Regolament (UE, Euratom) 2023/2841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4],
- Ir-Regolament (UE) 2021/887 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5],
- Ir-Regolament (UE) 2024/2847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6], u
- Ir-Regolament (UE) 2025/38 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("Att dwar iċ-Ċibersolidarjetà")[7].

Miżuri settorjali speċifiċi għal kriżijiet taċ-ċibersigurtà jinkludu r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/1366[8] u l-qafas ta' koordinazzjoni ta' inċidenti ċibernetiċi sistemiċi (EU-SCICF) imminenti fil-kuntest tar-Regolament (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9].

Id-Direttiva 2013/40[10] tipprovdi r-referenza għad-definizzjoni ta' attivitajiet kriminali relatati ma' attakki ċibernetiċi u r-regoli tal-Unjoni dwar l-aċċess transfruntier għal evidenza elettronika, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2023/1543 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11], ladarba jiġi implimentat, ser jiffaċilita b'mod sinifikanti l-azzjoni tal-infurzar tal-liġi f'dan il-qasam.

Il-Politika tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiża[12] tiddeskrivi r-rwoli ta' Network Operazzjonali għall-Iskwadri Militari ta' Rispons f'Emerġenza relatata mal-Kompjuters (MICNET) u l-Konferenza taċ-Ċiberkmandanti tal-UE u tipprevedi l-istabbiliment ta' Ċentru ta' Koordinazzjoni tal-UE għaċ-Ċiberdifiża (EUCDCC).

Jeżistu mekkaniżmi oħra ta' għarfien tas-sitwazzjoni u ta' rispons għal kriżijiet mhux relatati maċ-ċibernetika f'xi wħud mis-setturi kritiċi elenkati fl-Annessi I u II tad-Direttiva (UE) 2022/2555.

Ir-"Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Pjan ta' Azzjoni biex jikkoordina rispons fil-livell tal-Unjoni għal tfixkil ta' infrastruttura kritika b'rilevanza transfruntiera sinifikanti"[13] tipprevedi kooperazzjoni bejn l-atturi rilevanti meta inċident jaffettwa kemm l-aspetti fiżiċi kif ukoll iċ-ċibersigurtà tal-infrastruttura kritika.

[1] Ir-Regolament (UE) 2019/881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-ENISA (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà) u dwar iċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 526/2013 (l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà) (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 15, , ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/881/oj).

[2] Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (Direttiva NIS 2) (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 80, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2022/2555/oj).

[3] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2690 tas-17.10.2024 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2022/2555 fir-rigward tar-rekwiżiti tekniċi u metodoloġiċi tal-miżuri tal-ġestjoni tar-riskji taċ-ċibersigurtà u speċifikazzjoni ulterjuri tal-każijiet meta inċident jitqies sinifikanti fir-rigward tal-fornituri tas-servizzi DNS, ir-reġistri tal-ismijiet tad-dominji tal-ogħla livell, il-fornituri tas-servizzi tal-cloud computing, il-fornituri tas-servizzi taċ-ċentri tad-data, il-fornituri tan-networks tat-twassil tal-kontenut, il-fornituri tas-servizzi ġestiti, il-fornituri tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti, il-fornituri tas-swieq online, tal-magni tat-tiftix online u tal-pjattaformi tas-servizzi tan-networking soċjali, u l-fornituri tas-servizzi fiduċjarji, (ĠU L, 2024/2690, 18.10.2024). ELI: https://data.europa.eu/eli/reg/2024/2690/oj).

[4] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2023/2841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 li jistabbilixxi miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà fl-istituzzjonijiet, fil-korpi, fl-uffiċċji u fl-aġenziji tal-Unjoni, (ĠU L, 2023/2841, 18.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2841/oj).

[5] Ir-Regolament (UE) 2021/887 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi iċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà u n-Network ta' Ċentri Nazzjonali ta' Koordinazzjoni, (ĠU L 202, 8/6/2021, p. 1, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2021/887/oj).

[6] Ir-Regolament (UE) 2024/2847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2024 dwar ir-rekwiżiti orizzontali taċ-ċibersigurtà għall-prodotti b'elementi diġitali u, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 168/2013 u (UE) 2019/1020 u d-Direttiva (UE) 2020/1828 (Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika) (ĠU L, 2024/2847, 20.11. 2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2847/oj).

[7] Ir-Regolament (UE) 2025/38 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2024 li jistabbilixxi miżuri li jsaħħu s-solidarjetà u l-kapaċitajiet fl-Unjoni tal-identifikazzjoni, tat-tħejjija u tar-rispons għat-

theddid u l-inċidenti taċ-ċibersigurtà ċibernetiċi u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/694 (Att dwar iċ-Ċibersolidarjetà) (ĠU L, 2025/38, 15.1.2025, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2025/38/oj).

[8] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/1366 tal-11 ta' Marzu 2024 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi kodiċi tan-network dwar regoli speċifiċi għas-settur għall-aspetti taċ-ċibersigurtà tal-flussi transfruntieri tal-elettriku (ĠU L, 2024/1366, 24.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2024/1366/oj).

[9] Ir-Regolament (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali għas-settur finanzjarju u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009, (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 600/2014, (UE) Nru 909/2014 u (UE) 2016/1011, (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2554/oj).

[10] Id-Direttiva 2013/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Awwissu 2013 dwar attakki kontra s-sistemi tal-informazzjoni u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2005/222/ĠAI, (ĠU L 218, 14.8.2013, p. 8, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2013/40/oj).

[11] Ir-Regolament (UE) 2023/1543 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2023 dwar dwar l-Ordnijiet ta' Produzzjoni Ewropej u l-Ordnijiet ta' Preservazzjoni Ewropej għall-evidenza elettronika fi proċedimenti kriminali u għall-eżekuzzjoni ta' sentenzi ta' kustodja wara proċedimenti kriminali u d-Direttiva (UE) 2023/1544 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2023 li tistabbilixxi regoli armonizzati dwar id-dežinjazzjoni ta' stabbilimenti dežinjati u l-ħatra ta' rappreżentanti legali għall-fini ta' ġbir ta' evidenza elettronika fi proċedimenti kriminali (ĠU L 191, 28.7.2023, p. 118, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1543/oj).

[12] JOIN(2022) 49 final. https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52022JC0049

[13] *ĠU C, C/2024/4371, 5.7.2024.* https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=OJ:C_202404371